Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' April 2023**
**(OR. en)**

**10327/1/21**
**REV 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0210(COD)**

**TRANS 466**
**MAR 140**
**ENV 501**
**ENER 319**
**IND 191**
**COMPET 546**
**ECO 77**
**RECH 347**
**CODEC 1068**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 15 ta' Diċembru 2022 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 562 final/2 |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 562 final/2, inkluż id-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Leġiżlattivi aġġornati tal-Kummissjoni, kif ippubblikati reċentement fil-Ġurnal Uffiċjali.

---

Mehmuż: COM(2021) 562 final/2

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2021
COM(2021) 562 final/2

2021/0210 (COD)

CORRIGENDUM

This document corrects document COM(2021) 562 final of 14.07.2021
Concerns all language versions
Addition of the missing Legislative Financial Statement
The text shall read as follow:

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2021) 562 final} - {SWD(2021) 635 final} - {SWD(2021) 636 final}

 MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Billi jikkontribwixxi għal madwar 75 % tal-volumi tan-negozju estern tal-UE u għal 31 % tal-volumi tan-negozju intern tal-UE, it-trasport marittimu huwa komponent essenzjali tas-sistema tat-trasport tal-Ewropa u għandu rwol kritiku għall-ekonomija Ewropea. Kull sena, madwar 400 miljun passiġġier jimbarkaw jew jiżbarkaw fil-portijiet tal-UE, inklużi madwar 14-il miljun fuq vapuri tal-kruċiera. It-trasport marittimu jissodisfa rwol importanti fis-salvagwardja tal-konnettività tal-gżejjer u tar-reġjuni marittimi periferiċi mal-bqija tas-suq uniku[1]. Konnessjonijiet effiċjenti tat-trasport marittimu huma essenzjali għall-mobbiltà taċ-ċittadini tal-UE, fl-iżvilupp tar-reġjuni tal-UE u għall-ekonomija tal-UE fl-intier tagħha.

Is-settur tat-trasport marittimu jopera f'ambjent ta' swieq miftuħa u kompetizzjoni internazzjonali. Is-servizzi tat-trasport marittimu fl-UE huma miftuħa għas-sidien tal-vapuri kollha tal-UE, għas-servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri tal-UE, kif ukoll bejn l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi (pajjiżi mhux tal-UE), u jistgħu jiġu pprovduti minn operaturi tan-nazzjonalitajiet kollha. Kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi tal-vapuri u għall-kumpaniji tat-tbaħħir huma kritiċi għal suq tal-UE li jiffunzjona tajjeb għat-trasport marittimu.

F'Settembru 2020, il-Kummissjoni adottat proposta biex l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % sal-2030[2] u biex l-UE titqiegħed fuq perkors responsabbli biex issir newtrali għall-klima sal-2050. Biex tinkiseb in-newtralità klimatika jeħtieġ li jkun hemm tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet mit-trasport sal-2050. Il-mezzi ta' trasport kollha, inkluż it-trasport marittimu, se jkollhom jikkontribwixxu għall-isforzi ta' tnaqqis.

Il-kisba ta' tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ tat-trasport marittimu internazzjonali teħtieġ l-użu kemm ta' inqas enerġija (żieda fl-effiċjenza enerġetika) kif ukoll ta' tipi ta' enerġija aktar nodfa (bl-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju). Il-Komunikazzjoni dwar il-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030[3] tispjega li: *"Kemm is-settur tal-avjazzjoni kif ukoll dak marittimu se jkollhom bżonn iżidu l-isforzi biex itejbu l-effiċjenza tal-inġenji tal-ajru, tal-bastimenti u tal-operazzjonijiet tagħhom u biex iżidu l-użu tal-fjuwils rinnovabbli, b'livell baxx tal-karbonju. Dan se jiġi vvalutat f'aktar dettall fil-kuntest tal-inizjattivi ReFuelEU Aviation u FuelEU Maritime, li għandhom l-għan li jżidu l-produzzjoni u l-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli għal dawn is-setturi. L-iżvilupp u l-użu tat-teknoloġija meħtieġa jridu jinkisbu saħansitra sal-2030 biex minn hemm 'il quddiem inħejju għal bidla ħafna aktar mgħaġġla."*

Skont ix-xenarji ta' politika vvalutati fil-qafas tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030 (CTP) u b'appoġġ għall-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti, il-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jenħtieġ li jirrappreżentaw bejn 6 % u 9 % tat-taħlita ta' fjuwils tat-trasport marittimu internazzjonali fl-2030, u bejn 86 % u 88 %

---

[1] EU Transport in figures, the statistical pocketbook 2020 (It-Trasport tal-UE f'ċifri, il-pocketbook statistiku 2020), https://ec.europa.eu/transport/media/media-corner/publications_mt

[2] COM(2020) 563 final

[3] COM(2020) 562 final

sal-2050, biex jikkontribwixxu għall-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-UE[4].

Is-CTP josserva li s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport irid jiżdied permezz tal-iżvilupp tal-elettrifikazzjoni, tal-bijofjuwils avvanzati u ta' fjuwils oħra rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bħala parti minn approċċ olistiku u integrat, u li l-fjuwils sintetiċi bbażati fuq l-idroġenu se jkunu kruċjali għad-dekarbonizzazzjoni, b'mod partikolari fis-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu.

L-ispinta biex is-settur tat-trasport marittimu juża fjuwils aktar nodfa hija preżenti wkoll fil-livell internazzjonali. Fl-2018, l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) adottat l-istrateġija inizjali tagħha dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-vapuri. Fil-lista ta' miżuri kandidati identifikati għal terminu qasir, l-IMO tinkludi l-promozzjoni tal-użu ta' fjuwils alternattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u b'livell żero ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll il-provvista ta' elettriku mix-xatt.

Attwalment, it-taħlita ta' fjuwils fis-settur marittimu tiddependi kompletament mill-fjuwils fossili. Dan jista' jiġi spjegat minn inċentivi insuffiċjenti biex l-operaturi jnaqqsu l-emissjonijiet u min-nuqqas ta' alternattivi teknoloġiċi maturi, affordabbli u li jintużaw globalment għall-fjuwils fossili fis-settur. Għadd ta' fallimenti tas-suq parzjalment jikkawżaw u jsaħħu dawn il-problemi. Dawn jinkludu:

– interdipendenzi bejn il-provvista, id-distribuzzjoni u d-domanda tal-fjuwils;

– nuqqas ta' informazzjoni dwar ir-rekwiżiti regolatorji futuri;

– ħajja twila tal-assi (bastimenti u infrastruttura tal-bunkering).

L-inizjattiva FuelEU Maritime tipproponi qafas regolatorju komuni tal-UE biex jiżdied is-sehem ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-taħlita ta' fjuwils tat-trasport marittimu internazzjonali mingħajr ma jinħolqu ostakli għas-suq uniku.

Kunsiderazzjonijiet dwar l-ostakli possibbli għas-suq uniku, id-distorsjoni fil-kompetizzjoni bejn l-operaturi u d-devjazzjoni tar-rotot kummerċjali huma partikolarment rilevanti għar-rekwiżiti tal-fjuwil, billi l-kostijiet tal-fjuwil jikkostitwixxu sehem sostanzjali mill-kostijiet tal-operaturi tal-vapuri. Il-proporzjon tal-kostijiet tal-fjuwil fil-kostijiet operatorji tal-vapuri jista' jvarja minn madwar 35 % tan-nol ta' tanker żgħir sa madwar 53 % għal bastimenti tal-kontejners/tal-merkanzija bl-ingrossa. Għalhekk, il-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-fjuwil tal-baħar jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-prestazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-vapuri.

Fl-istess ħin, id-differenza fil-prezz bejn il-fjuwils tal-baħar konvenzjonali ta' oriġini fossili u l-fjuwils rinnovabbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għadha għolja. Biex tinżamm il-kompetittività filwaqt li s-settur jiġi orjentat lejn it-tranżizzjoni tal-fjuwil li jrid jgħaddi minnha inevitabbilment, huma meħtieġa obbligi ċari u uniformi dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju mill-vapuri.

Żieda fil-prevedibbiltà tal-qafas regolatorju hija mistennija tistimula l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-produzzjoni ta' fjuwil u tgħin lis-settur jelimina l-imblokk eżistenti bejn id-domanda u l-provvista ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Huma meħtieġa obbligi ċari u uniformi dwar l-użu tal-enerġija mill-vapuri biex jittaffa r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, li t-trasport marittimu huwa suxxettibbli għalih minħabba n-

[4] Ix-xenarju li jivvaluta kombinament ta' pprezzar tal-karbonju u miżuri regolatorji (l-hekk imsejjaħ MIX) ibassar sehem ta' 7,5 % għall-2030 u 86 % sal-2050.

natura internazzjonali tiegħu u l-possibbiltà li jsir bunkering barra mill-UE. Minħabba d-dimensjoni transfruntiera u globali tat-trasport marittimu, huwa preferibbli Regolament marittimu komuni milli qafas legali li jeħtieġ lill-Istati Membri tal-UE jittrasponu l-leġiżlazzjoni tal-UE fid-dritt nazzjonali. Dan tal-aħħar jista' jirriżulta f'taħlita ta' miżuri nazzjonali b'rekwiżiti u miri differenti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-FuelEU Maritime hija parti mill-"ġabra ta' miżuri" imfassla biex tindirizza l-emissjonijiet mit-trasport marittimu filwaqt li jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Hija kompletament konsistenti ma' miżuri oħra ppreżentati bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" u tibni fuq għodod ta' politika eżistenti bħar-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], li jistabbilixxi sistema tal-UE għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika (MRV) tal-emissjonijiet tas-$CO_2$u informazzjoni rilevanti oħra minn vapuri kbar li jużaw il-portijiet tal-UE.

Sabiex jiġu indirizzati diversi fallimenti tas-suq distinti li jfixklu l-użu ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni fis-settur marittimu jitqies li hemm bżonn ta' ġabra ta' miżuri. Minbarra l-inizjattiva FuelEU Maritime li għandha l-għan li żżid id-domanda għall-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (RLF), il-Kummissjoni tipproponi li testendi l-Iskema Ewropea għan-Negozjar ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (ETS)[6] għas-settur marittimu u li tirrieżamina d-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija (ETD)[7]. Dawn iż-żewġ inizjattivi jenħtieġ li jiżguraw tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet fis-settur u li l-prezz tat-trasport jirrifletti l-impatt li għandu fuq l-ambjent, is-saħħa u s-sigurtà tal-enerġija.

Barra minn hekk, il-ġabra ta' miżuri se tinkludi r-rieżami ta' bosta direttivi oħra, inklużi:

– id-Direttiva dwar Infrastruttura tal-Karburanti Alternattivi (AFID)[8]; u

– id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED II)[9].

Minbarra dawn il-liġijiet riveduti, il-Kummissjoni se tindirizza l-ħtieġa ta' attivitajiet addizzjonali ta' riċerka u innovazzjoni (R&I), b'mod partikolari permezz tas-sħubija koprogrammata għal Trasport fuq l-Ilma b'Emissjonijiet Żero proposta mill-Pjattaforma ta' Teknoloġija fuq l-Ilma taħt Orizzont Ewropa[10]. Hija se tirrevedi wkoll il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent u l-enerġija[11] f'konformità mal-objettivi ta' politika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li jenħtieġ li jippermetti finanzjament suffiċjenti għat-trasformazzjoni ekoloġika tas-settur (inkluż għall-użu ta' infrastruttura tal-iċċarġjar fuq l-art) filwaqt li tiġi evitata d-distorsjoni fil-kompetizzjoni.

Meta l-azzjonijiet proposti jitqiesu aktar fid-dettall, attwalment ma hemm l-ebda mekkaniżmu, la fil-livell tal-IMO u lanqas fil-livell tal-UE, biex issir korrezzjoni għall-preżenza ta' esternalitajiet negattivi (il-kostijiet indiretti tal-emissjonijiet li ma jitqiesu bl-ebda mod ieħor) fis-settur. Dan jipprevjeni lill-operaturi milli jieħdu inkunsiderazzjoni, fl-għażliet operazzjonali u ta' investiment tagħhom, il-kost soċjali tal-attività tagħhom f'termini tat-tibdil

[5] Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

[6] Id-Direttiva 2003/87/KE

[7] Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE

[8] Id-Direttiva 2014/94/UE

[9] Id-Direttiva (UE) 2018/2001

[10] https://www.waterborne.eu/

[11] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2014/C 200/01)

fil-klima u t-tniġġis tal-arja. Il-letteratura ekonomika tindika l-mekkaniżmi tal-ipprezzar bħala l-istrumenti ppreferuti biex jiġu "internalizzati" il-kostijiet esterni. L-eżempji ewlenin ikunu taxxa stabbilita fil-livell tal-kost estern, jew strument ta' limitu u skambju, bħall-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (ETS), li tistabbilixxi limitu għall-emissjonijiet ġenerali u tippermetti lis-suq jiddetermina l-prezz xieraq tagħhom. It-tnejn huma deskritti bħala "miżuri bbażati fuq is-suq".

Madankollu, filwaqt li l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jista' jikseb tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod kosteffettiv u jipprovdi sinjal tal-prezz uniformi li jinfluwenza d-deċiżjonijiet tal-operaturi, tal-investituri u tal-konsumaturi, dan ma jindirizzax b'mod suffiċjenti l-ostakli kollha għall-użu ta' soluzzjonijiet b'emissjonijiet baxxi u żero.

Huma meħtieġa azzjonijiet ta' politika addizzjonali biex jiġi żgurat li jinżammu l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni filwaqt li jiġu eliminati l-ostakli għall-investimenti f'teknoloġiji u fl-infrastruttura ta' enerġija nadifa, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet għat-tnaqqis u tiġi kkomplementata l-azzjoni tal-EU ETS. Dan huwa partikolarment rilevanti biex jiġu appoġġati miżuri ta' mitigazzjoni – bħall-użu ta' RLF fis-settur tat-trasport marittimu – li għandhom potenzjal għoli li jnaqqsu l-emissjonijiet fil-futur iżda li, attwalment, qed jiffaċċaw kostijiet għat-tnaqqis għoljin u ostakli speċifiċi tas-suq.

Filwaqt li l-estensjoni tal-EU ETS għas-settur marittimu se tkompli timmotiva t-titjib fl-effiċjenza enerġetika u se tnaqqas id-distakk fil-prezzijiet bejn it-teknoloġiji konvenzjonali u dawk b'emissjonijiet baxxi, il-kapaċità tagħha li tappoġġa l-użu rapidu tat-teknoloġiji RLF fis-settur marittimu tiddependi ħafna mil-livell tal-prezzijiet attwali tagħha, li aktarx ma tilħaqx livelli suffiċjenti għal dan il-għan fit-terminu qasir sa dak medju.

B'mod simili, il-leġiżlazzjoni li tindirizza l-*provvista* (RED II) u l-*infrastruttura* tal-fjuwils (AFID) ma kellhiex impatt sinifikanti fuq l-użu tal-RLF fis-settur marittimu u trid tiġi kkomplementata minn miżuri li jistgħu joħolqu *domanda* għall-RLF. Barra minn hekk, ir-rieżami ta' RED II ma jkunx jista' jindirizza r-riskju għoli ta' bunkering tal-fjuwils barra mill-UE għas-settur tat-tbaħħir.

Attwalment ma hemmx qafas regolatorju tal-UE li jindirizza speċifikament l-użu tal-RLF fit-trasport marittimu. Din l-inizjattiva għandha l-għan li telimina din id-diskrepanza billi żżid id-domanda għall-RLF fit-trasport marittimu filwaqt li żżomm kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u suq tal-UE li jiffunzjona tajjeb għall-fjuwils tal-baħar u għat-trasport marittimu.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva għandha l-għan li żżid l-użu tal-RLFs fit-trasport marittimu tal-UE filwaqt li żżomm kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, kemm fuq il-baħar kif ukoll fl-irmiġġ, u tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE u internazzjonali. L-iżgurar ta' taħlita ta' fjuwils aktar diversifikata u ta' penetrazzjoni ogħla tal-RLFs huwa kruċjali biex jiġi żgurat il-kontribut tas-settur għall-ambizzjoni Ewropea tan-newtralità klimatika sal-2050, kif stabbilit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew. Fl-istess ħin, approċċ differenzjat għall-użu tal-RLFs fin-navigazzjoni u fil-portijiet huwa importanti biex jittieħed kont tal-implikazzjonijiet differenti fuq it-tniġġis tal-arja, b'rekwiżiti aktar stretti għall-vapuri fil-portijiet u disponibbiltà differenti tat-teknoloġiji (aktar għażliet għall-vapuri fil-portijiet).

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din l-inizjattiva għandha l-għan li żżomm livelli għoljin ta' konnettività, u li tippreserva l-kompetittività tal-industrija fis-settur marittimu filwaqt li żżid is-sostenibbiltà tiegħu. L-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħti s-setgħa lill-Unjoni biex tistabbilixxi dispożizzjonijiet xierqa fit-trasport marittimu.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenzi mhux esklużivi)**

It-trasport marittimu huwa settur internazzjonali minnu nnifsu. Fl-Ewropa, bejn wieħed u ieħor 75 % mill-vjaġġi rrappurtati skont l-MRV huma fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) (u għalhekk jistgħu jkunu indikatur għat-traffiku intra-UE) u huwa stmat li madwar 9 % biss tat-traffiku huwa ta' vjaġġi domestiċi (bejn il-portijiet fl-istess Stat Membru tal-UE). Għalhekk, id-dimensjoni transfruntiera tas-settur hija essenzjali u titlob azzjoni koordinata fil-livell tal-UE.

Mingħajr azzjoni fil-livell tal-UE, taħlita ta' rekwiżiti reġjonali jew nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE tirriskja li twassal għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tekniċi li mhux neċessarjament ikunu kompatibbli ma' xulxin. Bosta Stati Membri tal-UE diġà qed jiżviluppaw strateġiji marittimi nazzjonali li jinkludu approċċi speċifiċi għall-emissjonijiet tal-vapuri u b'mod partikolari l-użu ta' fjuwils alternattivi[12], bil-possibbiltà ta' effetti u distorsjonijiet tas-suq mhux intenzjonati. Billi l-fatturi ewlenin tal-problema identifikati fil-kuntest ta' din il-proposta ma jvarjawx b'mod fundamentali minn Stat Membru tal-UE għal ieħor, u minħabba d-dimensjoni transfruntiera tal-attivitajiet tas-settur, dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati bl-aħjar mod fil-livell tal-UE. L-azzjoni tal-UE tista' wkoll tispira u twitti t-triq biex jiġu żviluppati miżuri futuri li jaċċelleraw l-użu ta' fjuwils alternattivi fil-livell globali[13].

Azzjoni preċedenti tal-UE dwar kwistjonijiet relatati mal-gassijiet serra diġà stimulat rispons korrispondenti mill-IMO, notevolment l-adozzjoni mill-UE tar-Regolament dwar il-Monitoraġġ, ir-Rappurtar u l-Verifika tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-vapuri, li ftit wara wasslet biex l-IMO tadotta Sistema globali obbligatorja simili ta' Ġbir ta' *Data* dwar il-Gassijiet Serra. Aktar reċentement, approċċ koordinat mill-Istati Membri tal-UE fir-rispons għall-iżviluppi fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-IMO żgura li l-miżuri operazzjonali u obbligatorji ta' effiċjenza enerġetika jiġu inklużi fl-azzjonijiet fuq terminu qasir tal-IMO biex jitnaqqsu l-gassijiet serra. Il-projezzjoni ta' perspettiva komuni minn grupp konsiderevoli ta' Stati Membri tal-IMO fil-fora tal-IMO tfisser li l-UE jista' jkollha impatt sinifikanti fuq id-direzzjoni u l-eżitu tad-diskussjonijiet tal-IMO.

- **Proporzjonalità**

L-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva fil-livell tal-UE hija meħtieġa biex jinkisbu l-ekonomiji ta' skala fl-użu tal-RLFs fit-trasport marittimu, kif ukoll biex tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta'

[12] Dan jinkludi l-pjanijiet nazzjonali li qed jiġu żviluppati min-Netherlands, mill-Iżvezja u mill-Italja (fl-għamla tal-"Linji Gwida għad-Dokumenti ta' Ppjanar tal-Enerġija u Ambjentali tal-Awtoritajiet tas-Sistemi Portwarji (DEEASSP)" tagħhom. Stati Membri mhux tal-UE bħar-Renju Unit u n-Norveġja stabbilew ukoll il-pjanijiet tagħhom stess. Huwa importanti li jissemmew f'dan ir-rigward billi l-objettivi tagħhom jistgħu jaffettwaw it-traffiku tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra lejn u mill-UE.

[13] Attwalment elenkati fl-Istrateġija Inizjali tal-IMO dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-vapuri fost il-miżuri kandidati ta' nofs it-terminu, jiġifieri miżuri li l-IMO għandu jintlaħaq qbil dwarhom bejn l-2023 u l-2030.

kompetizzjoni bejn l-operaturi li jidħlu fil-portijiet tal-UE u bejn il-portijiet tal-UE nfushom. Bħala eżempju, l-obbligi stabbiliti fil-livell nazzjonali dwar l-użu tal-RLFs jistgħu jiddevjaw it-traffiku lejn portijiet kompetituri ta' Stati Membri oħra u joħolqu distorsjoni fil-kompetizzjoni. Għaldaqstant, l-armonizzazzjoni fil-livell tal-UE hija meħtieġa biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-atturi kollha tar-raggruppament marittimu (b'mod partikolari l-operaturi, il-portijiet u l-fornituri tal-fjuwil).

• **Għażla tal-istrument**

Il-valutazzjoni tal-impatt stabbiliet li huma meħtieġa miżuri vinkolanti u regolatorji biex jintlaħqu l-objettivi. Regolament huwa l-aktar strument xieraq biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni komuni tal-miżuri previsti, filwaqt li jitnaqqas ir-riskju ta' distorsjoni fis-suq uniku, li tista' tirriżulta minn differenzi f'kif l-Istati Membri tal-UE jittrasponu r-rekwiżiti fid-dritt nazzjonali. Billi t-tranżizzjoni għall-RLFs teħtieġ investimenti sinifikanti mill-fornituri tal-fjuwils, distribuzzjoni tal-fjuwils u spinta tad-domanda qawwija u ċara, huwa vitali li l-qafas regolatorju jipprovdi sett ta' regoli uniku, fit-tul u robust lill-investituri kollha madwar l-UE. B'mod partikolari, huwa importanti li jiġi evitat il-ħolqien ta' taħlita ta' miżuri differenti fil-livell nazzjonali, li jkun il-każ jekk jiġu implimentati skont direttiva transsettorjali.

Il-proposta hija ta' natura teknika ħafna, u hemm probabbiltà għolja li jkollha tiġi emendata regolarment biex tirrifletti żviluppi tekniċi u legali. B'rispons għal dan, huma ppjanati wkoll għadd ta' miżuri ta' implimentazzjoni. Dawn se jiffukaw b'mod partikolari fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti funzjonali.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Billi din hija proposta ġdida, ma twettqux evalwazzjonijiet jew kontroll tal-idoneità.

• **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni kienet involuta b'mod attiv mal-partijiet ikkonċernati u wettqet konsultazzjonijiet komprensivi tul il-proċess kollu ta' valutazzjoni tal-impatt. Il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati bdew jinġabru b'rispons għall-pubblikazzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu (Marzu u April 2020). Ġew riċevuti total ta' 81 risposta li nfurmaw il-proċess ta' abbozzar u għenu biex jiġi rfinat l-approċċ u biex jiġu identifikati aħjar l-ostakli li jfixklu l-użu attwali tal-RLFs fis-settur marittimu.

Bħala parti mit-tħejjija tal-proposta, attivitajiet ta' konsultazzjoni oħra kienu jinkludu:

– Konsultazzjoni pubblika miftuħa, organizzata mill-Kummissjoni, bejn it-2 ta' Lulju 2020 u l-10 ta' Settembru 2020. Ġew riċevuti total ta' 136 risposta li jkopru varjetà ta' gruppi tal-partijiet ikkonċernati. Ir-risposti ġew mill-qasam tas-sjieda tal-vapuri u mill-immaniġġjar tal-vapuri (40), minn produtturi tal-enerġija u mill-qasam tal-provvista tal-fjuwils (37), mit-trasport marittimu fuq distanzi qosra (25), mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali (15), minn organizzazzjonijiet ta' interess (14), mill-immaniġġjar u l-amministraturi tal-portijiet (13), minn operaturi tat-terminals tal-portijiet jew fornituri oħra ta' servizzi portwarji (13), mill-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni akkademiċi (12), mis-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni (11), mill-bini ta' vapuri u minn manifatturi ta' tagħmir tal-baħar (10), mill-

awtoritajiet pubbliċi reġjonali jew lokali (9), minn fornituri tal-loġistika, spedituri u sidien tal-merkanzija (9), minn korpi tal-istandardizzazzjoni teknika u soċjetajiet tal-klassi (2), mill-investiment u l-finanzjament (2), u minn oħrajn (17)[14];

– Konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati organizzata mill-konsulent responsabbli għall-istudju ta' sostenn tal-valutazzjoni tal-impatt, mit-18 ta' Awwissu 2020 sat-18 ta' Settembru 2020 u mmirata lejn esperti mill-Forum Ewropew dwar Trasport Marittimu Sostenibbli (ESSF). Il-konsulent wettaq ukoll sensiela ta' intervisti mal-partijiet ikkonċernati, inklużi r-rappreżentanti tal-industrija u l-awtoritajiet nazzjonali, bejn l-10 ta' Lulju 2020 u l-1 ta' Diċembru 2020;

– Diskussjoni madwar mejda bejn il-partijiet ikkonċernati, organizzata mill-Kummissjoni fit-18 ta' Settembru 2020 mal-membri tal-Forum Ewropew dwar Trasport Marittimu Sostenibbli[15] (ESSF) u l-Forum Ewropew tal-Portijiet[16] (EPF);

– Laqgħat regolari tal-grupp ta' esperti, fil-qafas tas-sottogrupp tal-ESSF dwar enerġija alternattiva sostenibbli għat-tbaħħir.

L-informazzjoni pprovduta mill-partijiet ikkonċernati kienet kruċjali biex tippermetti lill-Kummissjoni tirfina t-tfassil tal-għażliet ta' politika kif ukoll biex tivvaluta l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħhom, tqabbilhom u tiddetermina liema għażla ta' politika aktarx timmassimizza l-proporzjon benefiċċji/kostijiet għas-soċjetà.

Il-konsultazzjonijiet urew li hemm kunsens fost il-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati dwar l-importanza li jiġi indirizzat l-użu tal-RLFs fit-trasport marittimu, kif ukoll il-problemi speċifiċi identifikati mill-valutazzjoni tal-impatt.

Il-konsultazzjonijiet ikkonfermaw li l-ħames fatturi ewlenin identifikati fil-qafas tal-valutazzjoni tal-impatt tal-proposta huma rilevanti. Ir-riżultati jissuġġerixxu li l-partijiet ikkonċernati differenti jaqblu li l-kostijiet għoljin tal-fjuwils u tal-investiment, flimkien mal-inċertezza għall-investituri, huma l-aktar ostakli importanti. F'termini ta' objettivi ta' politika, jidher li *"l-għoti ta' aktar ċertezza dwar ir-rekwiżiti klimatiċi u ambjentali għall-vapuri li joperaw"* huwa l-aktar objettiv ta' politika importanti fid-dawl tal-partijiet ikkonċernati.

Il-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati esprimew ukoll preferenza għal politika bbażata fuq l-għanijiet milli politika preskrittiva, li taqbel ukoll ma' rekwiżit ieħor għall-politika espressa mill-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati, in-newtralità teknoloġika. Dwar il-miżuri ta' politika, l-istabbiliment ta' perkors regolatorju ċar għad-dekarbonizzazzjoni tal-fjuwils tal-baħar attwali rċieva l-ogħla punteġġi mill-partijiet ikkonċernati. Dwar il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku, ma kien hemm l-ebda preferenza ovvja għall-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku t-tajjeb għall-miżuri. F'termini tal-kejl tal-prestazzjoni ambjentali u ta' kif l-emissjonijiet jenħtieġ li jiġu inklużi fil-qafas ta' politika, il-biċċa l-kbira mill-partijiet ikkonċernati jippreferu approċċ "well-to-wake", billi dan jieħu inkunsiderazzjoni mhux biss l-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwil abbord il-vapur, iżda wkoll l-emissjonijiet upstream mill-produzzjoni, mit-trasport u mid-distribuzzjoni tal-fjuwils. Rigward il-vapuri rmiġġati, il-biċċa l-kbira mill-partijiet ikkonċernati jsibu li r-rekwiżiti dwar l-użu tal-provvista tal-enerġija fuq l-art huma rilevanti u meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni.

[14] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12312-FuelEU-Maritime-/public-consultation_mt

[15] https://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetail&groupID=2869

[16] https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?do=groupDetail.groupDetail&groupID=3542&lang=mt

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Sar studju minn kuntrattur estern biex tiġi appoġġata l-valutazzjoni tal-impatt li tirfed il-proposta. Dan l-istudju tnieda f'Lulju 2020 u ġie konkluż f'Marzu 2021. L-istudju pprovda għarfien siewi lis-servizzi tal-Kummissjoni, b'mod partikolari biex ifasslu l-għażliet ta' politika, jivvalutaw xi wħud mill-impatti mistennija, u jiġbru l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati affettwati direttament. Is-servizzi tal-Kummissjoni ddependew ukoll mill-appoġġ mogħti mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) dwar aspetti tekniċi relatati ma' din l-inizjattiva.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-miżuri ta' politika inklużi f'din il-proposta huma infurmati mir-riżultati ta' valutazzjoni tal-impatt. Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt [SWD(2021)635] irċieva opinjoni pożittiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni [SEC(2021)562]. Fl-opinjoni tiegħu, il-Bord ipprovda għadd ta' rakkomandazzjonijiet dwar il-preżentazzjoni tal-argumenti fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew indirizzati; L-Anness 1 tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt jipprovdi deskrizzjoni fil-qosor ta' kif sar dan.

Tqiesu tliet għażliet ta' politika fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-impatt biex jintlaħqu l-objettivi identifikati. Dawn it-tliet għażliet kollha jikkondividu żewġ karatteristiċi ewlenin:

(1) in-natura regolatorja biex tiġi pprovduta ċertezza legali; u

(2) l-fokus fuq l-aspetti min-naħa tad-domanda biex jiġu stimulati l-produzzjoni u l-użu tal-RLFs, biex jiġi indirizzat l-imblokk u tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

L-għażliet ta' politika pprovdew modi differenti kif jista' jitfassal l-obbligu, u varjaw b'mod partikolari fl-approċċ tagħhom għall-għażla tat-teknoloġija u l-mod kif tinkiseb il-prestazzjoni meħtieġa.

L-għażla ta' politika 1 hija mfassla bħala approċċ preskrittiv, li jeħtieġ l-użu ta' sehem ta' fjuwils speċifiku/tipi ta' fjuwils speċifiċi. Din timplika għażla teknoloġika mir-regolatur. Kemm l-għażla ta' politika 2 kif ukoll 3 huma approċċi bbażati fuq l-għanijiet, li jeħtieġu li kull sena jintlaħaq limitu medju massimu tal-intensità tal-gassijiet serra għall-enerġija użata abbord. Dan iħalli l-għażla tat-teknoloġija f'idejn l-operaturi tas-suq. Barra minn hekk, l-Għażla ta' politika 3 tinkludi wkoll mekkaniżmi biex jiġu ppremjati dawk li jiksbu riżultati aqwa milli meħtieġ, biex jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' teknoloġiji aktar avvanzati u b'emissjonijiet żero (akkomunament u multiplikaturi għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero) li jnaqqsu kemm is-sustanzi li jniġġsu fl-arja kif ukoll il-gassijiet serra. L-għażliet kollha jeħtieġu li l-vapuri l-aktar niġġiesa fil-portijiet (vapuri tal-kontejners u vapuri tal-passiġġieri) jużaw provvista tal-enerġija fuq l-art (jew teknoloġija ekwivalenti b'emissjonijiet żero).

Wara l-valutazzjoni, l-għażla ta' politika 3 hija identifikata bħala l-għażla preferuta billi tilħaq l-aħjar bilanċ bejn l-objettivi u l-kostijiet ġenerali tal-implimentazzjoni. Din mhux biss twieġeb il-ħtiġijiet għall-flessibbiltà, li ġew enfasizzati mill-partijiet ikkonċernati matul l-attivitajiet ta' konsultazzjoni (b'mod partikolari l-operaturi u l-portijiet), iżda tnaqqas ukoll ir-riskju ta' lock-in teknoloġiku [u tinċentiva l-adozzjoni bikrija tal-aktar teknoloġiji avvanzati].

Iż-żieda fil-penetrazzjoni tal-RLFs fit-taħlita ta' fjuwils marittimi se tirriżulta fi tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u fl-emissjonijiet tat-tniġġis tal-arja. L-iffrankar relatat fil-kostijiet esterni ġie stmat għal EUR 10 biljun għat-tniġġis tal-arja u għal EUR 138,6 biljun għat-tibdil fil-klima, relattiv mal-linja bażi u espress bħala valur preżenti

għall-perjodu 2021-2050. Dawn ġew ikkalkulati fil-valutazzjoni tal-impatt abbażi tal-penetrazzjoni projettata mmudellata ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. L-operaturi tal-vapuri mistennija jiffrankaw madwar EUR 2,3 biljun b'riżultat tal-kostijiet operatorji mnaqqsa (manutenzjoni, ekwipaġġ, eċċ.). Dan it-tnaqqis se jkun immotivat minn attività tat-trasport marittimu kemxejn aktar baxxa meta mqabbla mal-linja bażi. Impatt notevoli addizzjonali kien jikkonċerna l-użu ta' fjuwils avvanzati u teknoloġiji ta' propulsjoni, u indirettament l-impatt li għandha fuq l-innovazzjoni. L-inizjattiva hija mistennija tagħti spinta lill-penetrazzjoni ta' bastimenti li jaħdmu b'ċelloli tal-fjuwil (18,9 %) fil-flotta, kif ukoll lill-propulsjoni elettrika (5,4 %) sal-2050 (meta mqabbla mal-ebda penetrazzjoni ta' dawn it-teknoloġiji fil-linja bażi).

Il-kost ewlieni li jirriżulta mill-intervent propost jiġġarrab mill-operaturi tal-vapuri u jammonta għal EUR 89,7 biljun. Dan jirriżulta minn żieda fil-kostijiet kapitali (EUR 25,8 biljun) u fil-kostijiet tal-fjuwil (EUR 63,9 biljun). Il-kostijiet indiretti għall-portijiet se jkunu relatati mal-forniment tal-infrastruttura tal-bunkering meħtieġa u huma stmati għal EUR 5,7 biljun. Il-kostijiet amministrattivi għall-operaturi tal-vapuri huma stmati għal EUR 521,7 miljun li jirriżultaw mill-ġbir ta' *data*, mis-sottomissjoni u l-verifika tal-pjanijiet ta' konformità u tar-rapport annwali dwar l-enerġija, mill-kooperazzjoni matul l-awditi u mill-ispezzjonijiet, kif ukoll mit-taħriġ tal-ekwipaġġ. Ġew identifikati EUR 1,8 miljun addizzjonali għall-istabbiliment ta' linji gwida mill-portijiet biex jiġi ggarantit l-immaniġġjar sikur tal-RLFs. Il-kostijiet speċifiċi relatati maċ-ċertifikazzjoni tal-fjuwil ma setgħux jiġu kkwantifikati. Il-kostijiet tal-infurzar għall-awtoritajiet pubbliċi huma mistennija jkunu limitati (EUR 1,5 miljun) u jiffukaw fuq il-forniment tal-għodod tal-IT meħtieġa għar-rappurtar. Għalhekk, l-għażla ppreferuta tipprovdi benefiċċji netti li jammontaw għal EUR 58,4 biljun tul il-perjodu ta' żmien tal-inizjattiva.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-għażla preferuta se jkollha implikazzjonijiet baġitarji għall-Kummissjoni. Il-kostijiet mistennija tas-servizzi tal-IT u tal-iżvilupp tas-sistema tal-IT jistgħu jiswew sa EUR 0,5 miljun. Dan huwa bbażat fuq il-kost tat-THETIS-MRV u l-esperjenza b'moduli THETIS-EU eżistenti li jappoġġaw diversi atti leġiżlattivi tal-UE, b'dawn il-kostijiet għall-iżvilupp tal-IT stmati għal EUR 300 000. L-għażla ta' politika ppreferuta tkun teħtieġ ukoll funzjonalità addizzjonali biex jiġi appoġġat l-akkomunament tal-vapuri għall-konformità. Huwa stmat li din l-għodda addizzjonali tiswa EUR 200 000. L-iżvilupp tal-IT u l-għażliet ta' akkwist se jkunu soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-Bord tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u taċ-Ċibersigurtà tal-Kummissjoni Ewropea.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Kummissjoni se ssegwi l-progress, l-impatti u r-riżultati ta' din il-proposta permezz ta' sett ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ/evalwazzjoni. Il-Kummissjoni se tkejjel il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi speċifiċi tal-proposta, b'mod partikolari permezz tad-*data* miġbura kull sena bħala parti mis-sistema ta' Monitoraġġ, Rappurtar u Evalwazzjoni (MRV) tal-UE.

It-talbiet għal informazzjoni (rapporti, risposti għal stħarriġ) se jkunu bbilanċjati bir-reqqa sabiex ma jitqiegħedx piż addizzjonali fuq il-partijiet ikkonċernati billi jinħolqu talbiet ta' rappurtar ġodda sproporzjonati.

Ħames snin wara tmiem id-data ta' implimentazzjoni tal-proposta legali, il-Kummissjoni se tevalwa r-regoli biex tiċċekkja jekk ikunux intlaħqu l-objettivi tal-inizjattiva. L-evalwazzjoni se tinforma l-proċessi futuri tat-teħid ta' deċiżjonijiet biex jiġu żgurati l-aġġustamenti meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jiddeskrivi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament propost, li jistabbilixxi regoli biex titnaqqas l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapuri li jaslu fi, ikunu fi jew jitilqu minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru tal-UE, biex jiġi promoss l-iżvilupp armonjuż u l-użu konsistenti ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju madwar l-Unjoni, mingħajr ma jiġu introdotti ostakli għas-suq uniku biex jiġi promoss it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni.

L-Artikolu 3 jistipula bosta definizzjonijiet.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi l-limitu għall-intensità annwali tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord vapur.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-użu ta' provvista tal-enerġija fuq l-art jew ta' enerġija b'emissjonijiet żero waqt l-irmiġġ għal tipi ta' vapuri speċifiċi u jelenka l-eċċezzjonijiet possibbli.

L-Artikolu 6 jistabbilixxi l-prinċipji komuni għall-monitoraġġ tal-konformità.

L-Artikolu 7 jistabbilixxi x'jenħtieġ li jiġi inkluż fil-pjanijiet ta' monitoraġġ.

L-Artikolu 8 jelenka s-sitwazzjonijiet li fihom il-pjan ta' monitoraġġ jenħtieġ li jiġi emendat.

L-Artikolu 9 jistabbilixxi l-prinċipji relatati maċ-ċertifikazzjoni tal-bijofjuwils, tal-bijogass, tal-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u tal-fjuwils tal-karbonju riċiklat.

L-Artikolu 10 jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet ta' verifika li għandhom jitwettqu mill-verifikaturi.

L-Artikolu 11 jistabbilixxi l-obbligi u l-prinċipji ġenerali għall-verifikaturi.

L-Artikolu 12 jistipula l-prinċipji ewlenin li għandhom jiġu rrispettati matul il-proċeduri ta' verifika.

L-Artikolu 13 jistabbilixxi r-regoli dwar l-akkreditamenti tal-verifikaturi għall-attivitajiet li għandhom jitwettqu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 14 jiddefinixxi l-parametri li l-kumpaniji jenħtieġ li jimmonitorjaw u jirreġistraw biex juru l-konformità.

L-Artikolu 15 jistipula l-kompitu għall-verifikaturi b'rabta mal-informazzjoni pprovduta mill-kumpaniji.

L-Artikolu 16 jistabbilixxi l-bażi tad-*data* ta' konformità u jistabbilixxi l-parametri ewlenin għar-rappurtar.

L-Artikolu 17 jistabbilixxi dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà, li jippermettu lill-operaturi biex jibbankjaw jew jissellfu, fi ħdan ċertu limitu, surplus ta' konformità li jippermetti l-konformità.

L-Artikolu 18 jistipula l-prinċipji u l-proċeduri ewlenin għall-akkomunament possibbli tal-bilanċi ta' konformità.

L-Artikolu 19 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-konformità FuelEU.

L-Artikolu 20 jistabbilixxi l-penali li għandhom jiġġarrbu jekk ma tkunx inkisbet il-konformità.

L-Artikolu 21 jistabbilixxi l-prinċipji għall-allokazzjoni ta' penali biex jiġu appoġġati l-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur marittimu.

L-Artikolu 22 jistabbilixxi l-obbligu li l-vapuri jkollhom ċertifikat tal-konformità FuelEU validu.

L-Artikolu 23 jistabbilixxi r-regoli għall-ispezzjonijiet tal-vapuri.

L-Artikolu 24 jistabbilixxi d-dritt ta' rieżami tad-deċiżjonijiet li jaffettwaw lill-kumpaniji.

L-Artikolu 25 jeħtieġ id-deżinjazzjoni ta' awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 26 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jikkonferixxu setgħat delegati lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.

L-Artikolu 27 jistabbilixxi l-proċedura ta' kumitat għall-eżerċitar mill-Kummissjoni tas-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni.

L-Artikolu 28 jeħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, mill-inqas kull ħames snin.

L-Artikolu 29 jemenda d-Direttiva 2009/16/KE biex iżid iċ-ċertifikat tal-konformità FuelEU mal-Anness IV tagħha.

L-Artikolu 30 jistabbilixxi d-*data* tad-dħul fis-seħħ u tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Anness I jiddefinixxi l-formuli u l-metodoloġija għall-istabbiliment tal-intensità medja annwali tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapur.

L-Anness II jipprovdi l-lista ta' valuri prestabbiliti li jistgħu jintużaw biex jiġu ddeterminati l-fatturi ta' emissjoni użati fil-formula deskritta fl-Anness I.

L-Anness III jipprovdi l-lista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero li jistgħu jintużaw b'mod alternattiv għall-konnessjoni ma' provvista tal-enerġija fuq l-art waqt l-irmiġġ, kif ukoll kriterji speċifiċi għall-użu tagħhom.

L-Anness IV jiddefinixxi l-elementi minimi taċ-ċertifikati li għandhom jinħarġu mill-korp maniġerjali tal-port f'każijiet fejn il-vapuri ma jkunux jistgħu jagħmlu użu mill-provvista tal-enerġija fuq l-art għal raġunijiet ġustifikati.

L-Anness V jiddefinixxi l-formuli għall-istabbiliment tal-bilanċ ta' konformità tal-vapur u l-penali f'każ ta' nuqqas ta' konformità.

2021/0210 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[17],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[18],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) It-trasport marittimu jirrappreżenta madwar 75 % tal-kummerċ barrani tal-UE u 31 % tal-kummerċ intern tal-UE f'termini ta' volum. Fl-istess ħin, it-traffiku tal-vapuri lejn jew mill-portijiet fiż-Żona Ekonomika Ewropea jirrappreżenta madwar 11 % tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ kollha tal-UE mit-trasport u 3-4 % tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ totali tal-UE. 400 miljun passiġġier jimbarkaw jew jiżbarkaw kull sena f'portijiet tal-Istati Membri, inklużi madwar 14-il miljun fuq vapuri tal-kruċiera. Għalhekk, it-trasport marittimu huwa komponent essenzjali tas-sistema ta' trasport tal-Ewropa u għandu rwol kritiku għall-ekonomija Ewropea. Is-suq tat-trasport marittimu huwa soġġett għal kompetizzjoni qawwija bejn atturi ekonomiċi fl-Unjoni u lil hinn minnha, li għalihom huma indispensabbli kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. L-istabbiltà u l-prosperità tas-suq tat-trasport marittimu u tal-atturi ekonomiċi tiegħu jiddependu minn qafas ta' politika ċar u armonizzat fejn l-operaturi fit-trasport marittimu, il-portijiet u atturi oħra fis-settur jistgħu joperaw abbażi ta' opportunitajiet indaqs. Fejn iseħħu distorsjonijiet tas-suq, dawn jirriskjaw li jqiegħdu lill-operaturi tal-vapuri jew lill-portijiet fi żvantaġġ meta mqabbla mal-kompetituri fis-settur tat-trasport marittimu jew f'setturi oħra tat-trasport. Min-naħa tiegħu, dan jista' jirriżulta f'telf ta' kompetittività tal-industrija tat-trasport marittimu, u f'telf ta' konnettività għaċ-ċittadini u għan-negozji

(2) Biex jissaħħaħ l-impenn klimatiku tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi u jiġu stabbiliti l-passi li għandhom jittieħdu biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050, u biex l-impenn politiku jissarraf f'obbligu legali, il-Kummissjoni adottat il-proposta

[17] ĠU C , , p. .

[18] ĠU C , , p. .

(emendata) għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-qafas għall-kisba tan-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima)[19], kif ukoll il-Komunikazzjoni "It-Tisħiħ tal-Ambizzjoni Klimatika tal-Ewropa għall-2030"[20]. Dan jintegra wkoll il-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Għaldaqstant, huma meħtieġa diversi strumenti ta' politika komplementari biex jiġi mmotivat l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju prodotti b'mod sostenibbli, inklużi fis-settur tat-trasport marittimu. L-iżvilupp u l-varar tat-teknoloġija meħtieġa jridu jseħħu sal-2030 biex minn hemm 'il quddiem issir tħejjija għal bidla ħafna aktar rapida.

(3) Fil-kuntest tat-tranżizzjoni tal-fjuwils lejn fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u sorsi alternattivi tal-enerġija, huwa essenzjali li jiġu żgurati l-funzjonament xieraq u l-kompetizzjoni ġusta fis-suq tat-trasport marittimu tal-UE fir-rigward tal-fjuwils tal-baħar, li jirrappreżentaw sehem sostanzjali mill-kostijiet tal-operaturi tal-vapuri. Id-differenzi fir-rekwiżiti tal-fjuwils madwar l-Istati Membri tal-Unjoni jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-prestazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-vapuri u jkollhom impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni fis-suq. Minħabba n-natura internazzjonali tat-tbaħħir, l-operaturi tal-vapuri jistgħu jwettqu bunkering faċilment f'pajjiżi terzi u jittrasportaw ammonti kbar ta' fjuwil. Dan jista' jwassal għal rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u għal effetti detrimentali fuq il-kompetittività tas-settur jekk id-disponibbiltà ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fil-portijiet marittimi taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru ma tkunx akkumpanjata minn rekwiżiti għall-użu tagħhom li japplikaw għall-operaturi kollha tal-vapuri li jkunu qed jaslu u jitilqu minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi miżuri biex jiġi żgurat li l-penetrazzjoni tal-fjuwils rinnovabbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-suq tal-fjuwils tal-baħar isseħħ skont il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta fis-suq tat-trasport marittimu tal-UE.

(4) Sabiex jiġi prodott effett fuq l-attivitajiet kollha tas-settur tat-trasport marittimu, jixraq li dan ir-Regolament ikopri sehem mill-vjaġġi bejn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz. Dan ir-Regolament jenħtieġ li għalhekk japplika għal nofs l-enerġija użata minn vapur li jwettaq vjaġġi li jaslu f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru minn port barra mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, nofs l-enerġija użata minn vapur li jwettaq vjaġġi li jitilqu minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port barra mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, l-enerġija kollha użata minn vapur li jwettaq vjaġġi li jaslu f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, u l-enerġija użata waqt l-irmiġġ f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru. Din il-kopertura ta' sehem mill-enerġija użata minn vapur fi vjaġġi kemm deħlin kif ukoll ħerġin bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi tiżgura l-effettività ta' dan ir-Regolament, inkluż billi żżid l-impatt pożittiv fuq l-ambjent ta' dan il-qafas. Fl-istess ħin, dan il-qafas jillimita r-riskju ta' waqfiet evażivi f'port u r-riskju ta' delokalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' trażbord barra mill-Unjoni. Sabiex jiġu żgurati tħaddim mingħajr xkiel tat-traffiku marittimu, kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost l-operaturi tat-trasport marittimu u fost il-portijiet, u jiġu evitati distorsjonijiet fis-suq intern, il-vjaġġi kollha li jaslu jew jitilqu minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri, kif ukoll is-

[19] COM(2020) 563 final
[20] COM(2020) 562 final

soġġorn ta' vapuri f'dawk il-portijiet jenħtieġ li jkunu koperti minn regoli uniformi li jinsabu f'dan ir-Regolament.

(5) Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw b'mod mhux diskriminatorju għall-vapuri kollha, irrispettivament mill-bandiera tagħhom. Għal raġunijiet ta' koerenza mar-regoli tal-Unjoni u dawk internazzjonali fil-qasam tat-trasport marittimu, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għal vapuri tal-gwerra, awżiljarji navali, vapuri li jaqbdu l-ħut jew li jipproċessaw il-ħut, jew vapuri tal-Istat li jintużaw għal skopijiet mhux kummerċjali.

(6) Il-persuna jew l-organizzazzjoni responsabbli għall-konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun il-kumpanija tat-tbaħħir, iddefinita bħala sid il-vapur jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew in-noleġġatur ta' vapur mingħajr ekwipaġġ, li jkun assuma r-responsabbiltà għat-tħaddim tal-vapur minn sid il-vapur u li, meta jassumi din ir-responsabbiltà, ikun qabel li jassumi d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis. Din id-definizzjoni hija bbażata fuq id-definizzjoni ta' "kumpanija" fl-Artikolu 3, il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21], u f'konformità mas-sistema globali għall-ġbir ta' *data* stabbilita fl-2016 mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO). F'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, il-kumpanija tat-tbaħħir, permezz ta' arranġament kuntrattwali, tista' żżomm lill-entità li tkun direttament responsabbli għad-deċiżjonijiet li jaffettwaw l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata mill-vapur responsabbli għall-kostijiet ta' konformità skont dan ir-Regolament. Din l-entità normalment tkun l-entità responsabbli għall-għażla tal-fjuwil, tar-rotta u tal-veloċità tal-vapur.

(7) Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv, b'mod partikolari dak ta' operaturi iżgħar, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għal vapuri tal-injam b'binja primittiva u għal vapuri li ma jitħaddmux b'mezzi mekkaniċi, u jiffoka fuq vapuri b'tunnellaġġ gross ogħla minn 5 000. Għalkemm dawn il-vapuri tal-aħħar jirrappreżentaw biss madwar 55 % mill-vapuri kollha li jidħlu fil-portijiet skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huma responsabbli għal 90 % tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju ($CO_2$) mis-settur marittimu.

(8) L-iżvilupp u l-użu ta' fjuwils u soluzzjonijiet tal-enerġija ġodda jeħtieġu approċċ koordinat biex ikun hemm qbil bejn il-provvista, id-domanda u l-forniment ta' infrastruttura ta' distribuzzjoni xierqa. Filwaqt li l-qafas regolatorju Ewropew attwali diġà jindirizza parzjalment il-produzzjoni tal-fjuwil bid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] u d-distribuzzjoni bid-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23], hija meħtieġa wkoll għodda li tistabbilixxi livelli dejjem jiżdiedu ta' domanda għal fjuwils marittimi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

(9) Filwaqt li strumenti bħall-ipprezzar tal-karbonju jew miri dwar l-intensità tal-karbonju ta' attività jippromwovu titjib fl-effiċjenza enerġetika, dawn mhumiex adattati biex

---

[21] Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

[22] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2001, p. 82).

[23] Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

iwasslu għal bidla sinifikanti lejn fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fuq terminu qasir u medju. Għalhekk huwa meħtieġ approċċ regolatorju speċifiku ddedikat għall-użu ta' fjuwils tal-baħar rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ta' sorsi alternattivi tal-enerġija, bħar-riħ jew l-elettriku.

(10) L-intervent ta' politika biex tiġi stimulata d-domanda għal fjuwils marittimi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-għanijiet u jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti fuq l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-vapuri mingħajr ma jiġi preskritt l-użu ta' kwalunkwe fjuwil jew teknoloġija partikolari.

(11) Jenħtieġ li jiġi promoss l-iżvilupp u l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju b'potenzjal għoli għal sostenibbiltà, maturità kummerċjali u potenzjal għoli għall-innovazzjoni u t-tkabbir biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri. Dan se jappoġġa l-ħolqien ta' swieq tal-fjuwils innovattivi u kompetittivi u jiżgura provvista suffiċjenti ta' fjuwils marittimi sostenibbli fit-terminu qasir u fit-tul, biex jikkontribwixxi għall-ambizzjonijiet tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport tal-Unjoni filwaqt li jsaħħaħ l-isforzi tal-Unjoni lejn livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jkunu eliġibbli l-fjuwils marittimi sostenibbli prodotti mill-materja prima elenkata fil-Partijiet A u B tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001, kif ukoll il-fjuwils marittimi sintetiċi. B'mod partikolari, il-fjuwils marittimi sostenibbli prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti B tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huma essenzjali, billi attwalment huma l-aktar teknoloġija kummerċjalment matura għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu fit-terminu qasir.

(12) Tibdil indirett fl-użu tal-art iseħħ meta l-kultivazzjoni tal-għelejjel għall-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa tieħu post il-produzzjoni tradizzjonali tal-għelejjel għal skopijiet ta' ikel u għalf. Din id-domanda addizzjonali żżid il-pressjoni fuq l-art u tista' twassal għall-estensjoni tal-art agrikola f'żoni b'ħażna għolja ta' karbonju, bħal foresti, artijiet mistagħdra u torbiera, li jikkawża emissjonijiet addizzjonali ta' gassijiet serra u telfien tal-bijodiversità. Ir-riċerka wriet li l-iskala tal-effett tiddependi minn varjetà ta' fatturi, inkluż it-tip ta' materja prima użata għall-produzzjoni tal-fjuwil, il-livell ta' domanda addizzjonali għal materja prima skattata mill-użu ta' bijofjuwils, bijolikwidi u fjuwils tal-bijomassa, u l-punt sa fejn l-art b'ħażna ta' karbonju għolja hija protetta madwar id-dinja. Il-livell ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra kkawżat minn bidla indiretta fl-użu tal-art ma jistax jiġi ddeterminat b'mod inekwivoku bil-livell ta' preċiżjoni meħtieġ għall-istabbiliment tal-fatturi ta' emissjoni meħtieġa mill-applikazzjoni ta' dan ir-regolament. Madankollu, hemm evidenza li l-fjuwils kollha prodotti mill-materja prima jikkawżaw tibdil indirett fl-użu tal-art f'diversi gradi. Minbarra l-emissjonijiet ta' gassijiet serra marbuta mat-tibdil indirett fl-użu tal-art – li huma kapaċi jeliminaw xi ffrankar, jew l-iffrankar kollu, ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' bijofjuwils, bijolikwidi jew fjuwils tal-bijomassa individwali – it-tibdil indirett fl-użu tal-art jippreżenta riskji għall-bijodiversità. Dan ir-riskju huwa partikolarment serju b'rabta ma' espansjoni potenzjalment kbira tal-produzzjoni ddeterminata minn żieda sinifikanti fid-domanda. Għaldaqstant, jenħtieġ li ma jiġux promossi fjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-għalf u tal-ikel. Id-Direttiva (UE) 2018/2001 diġà tillimita u tistabbilixxi limitu massimu fuq il-kontribut ta' dawn il-bijofjuwils, bijolikwidi u bijomassa għall-miri tal-iffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur tat-trasport bit-triq u bil-ferrovija, meta jitqiesu l-benefiċċji

ambjentali aktar baxxi tagħhom, il-prestazzjoni aktar baxxa f'termini ta' potenzjal ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u tħassib usa' dwar is-sostenibbiltà.

(13) Madankollu, dan l-approċċ irid ikun aktar strett fis-settur marittimu. Is-settur marittimu attwalment għandu livelli insinifikanti ta' domanda għall-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa mill-għalf u minn kultivazzjonijiet alimentari, billi aktar minn 99 % mill-fjuwils tal-baħar użati attwalment huma ta' oriġini fossili. Għalhekk, in-nuqqas ta' eliġibbiltà ta' fjuwils mill-għalf u minn kultivazzjonijiet alimentari skont dan ir-Regolament jimminimizza wkoll kwalunkwe riskju ta' tnaqqis fir-ritmu tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, li jista' jirriżulta b'mod ieħor minn trasferiment ta' bijofjuwils minn kultivazzjonijiet alimentari mit-toroq għas-settur marittimu. Huwa essenzjali li jiġi mminimizzat dan it-trasferiment, peress li t-trasport bit-triq attwalment għadu bil-bosta l-aktar settur tat-trasport li jniġġes u t-trasport marittimu attwalment juża, b'mod predominanti, fjuwils ta' oriġini fossili. Għalhekk huwa xieraq li jiġi evitat il-ħolqien ta' domanda potenzjalment kbira ta' bijofjuwils, bijolikwidi u bijomassa mill-għalf u minn kultivazzjonijiet alimentari billi jiġi promoss l-użu tagħhom skont dan ir-Regolament. Għaldaqstant, l-emissjonijiet addizzjonali ta' gassijiet serra u t-telfien tal-bijodiversità kkawżati mit-tipi kollha ta' fjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-għalf u tal-ikel jeħtieġu li dawn il-fjuwils jitqiesu li għandhom l-istess fatturi ta' emissjoni bħall-perkors l-inqas favorevoli.

(14) Iż-żminijiet twal assoċjati mal-iżvilupp u l-użu ta' fjuwils u soluzzjonijiet tal-enerġija ġodda għat-trasport marittimu jeħtieġu azzjoni rapida u l-istabbiliment ta' qafas regolatorju fit-tul ċar u prevedibbli li jiffaċilita l-ippjanar u l-investiment mill-partijiet ikkonċernati kollha kkonċernati. Qafas regolatorju fit-tul ċar u stabbli jiffaċilita l-iżvilupp u l-użu ta' fjuwils u soluzzjonijiet tal-enerġija ġodda għat-trasport marittimu, u jħeġġeġ l-investiment mill-partijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li dan il-qafas jiddefinixxi l-limiti għall-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-vapuri sal-2050. Jenħtieġ li dawk il-limiti jsiru aktar ambizzjużi maż-żmien biex jirriflettu l-iżvilupp teknoloġiku mistenni u ż-żieda fil-produzzjoni ta' fjuwils tal-baħar rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

(15) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-metodoloġija u l-formula li jenħtieġ li japplikaw biex tiġi kkalkulata l-intensità medja annwali tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapur. Jenħtieġ li din il-formula tkun ibbażata fuq il-konsum tal-fjuwil irrappurtat mill-vapuri u tqis il-fatturi ta' emissjoni rilevanti ta' dawn il-fjuwils. Jenħtieġ li l-użu ta' sorsi alternattivi tal-enerġija, bħar-riħ jew l-elettriku, jiġi rifless ukoll fil-metodoloġija.

(16) Sabiex tingħata stampa aktar sħiħa tal-prestazzjoni ambjentali tad-diversi sorsi tal-enerġija, jenħtieġ li l-prestazzjoni tal-gassijiet serra tal-fjuwils tiġi vvalutata fuq bażi well-to-wake, billi jitqiesu l-impatti tal-produzzjoni, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-użu tal-enerġija abbord. Dan għandu l-għan li jinċentiva t-teknoloġiji u l-perkorsi ta' produzzjoni li jipprovdu impronta tal-gassijiet serra aktar baxxa u benefiċċji reali meta mqabbla mal-fjuwils konvenzjonali eżistenti.

(17) Jenħtieġ li l-prestazzjoni well-to-wake tal-fjuwils marittimi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju tiġi stabbilita permezz ta' fatturi ta' emissjoni prestabbiliti jew attwali u ċċertifikati li jkopru l-emissjonijiet well-to-tank u tank-to-wake. Madankollu, jenħtieġ li l-prestazzjoni tal-fjuwils fossili tiġi vvalutata biss permezz tal-użu ta' fatturi ta' emissjoni prestabbiliti kif previst f'dan ir-Regolament.

(18) Huwa meħtieġ approċċ komprensiv għall-emissjonijiet l-aktar rilevanti ta' gassijiet serra kollha ($CO_2$, $CH_4$ u $N_2O$) biex jiġi promoss l-użu ta' sorsi ta' enerġija li

jipproduċu impronta globali ta' gassijiet serra aktar baxxa. Għalhekk, sabiex jiġi rifless il-potenzjal ta' tisħin globali tal-metan u tal-ossidi nitrużi, jenħtieġ li l-limitu stabbilit minn dan ir-Regolament jiġi espress f'termini ta' "ekwivalent ta' $CO_2$".

(19) L-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ta' propulsjoni alternattiva, bħall-enerġija mir-riħ u mix-xemx, inaqqas ħafna l-intensità tal-gassijiet serra tal-użu ġenerali tal-enerġija tal-vapur. Jenħtieġ li d-diffikultà biex dawn is-sorsi ta' enerġija jitkejlu u jiġu kkwantifikati b'mod preċiż (intermittenza tal-użu tal-enerġija, trasferiment dirett bħala propulsjoni, eċċ.) ma xxekkilx ir-rikonoxximent tagħhom fl-użu ġenerali tal-enerġija mill-vapur permezz ta' approssimazzjonijiet tal-kontribut tagħhom għall-bilanċ tal-enerġija tal-vapur.

(20) It-tniġġis tal-arja prodott mill-vapuri (ossidi tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu u materja partikolata) waqt l-irmiġġ huwa ta' tħassib sinifikanti għaż-żoni kostali u għall-bliet portwarji. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu imposti obbligi speċifiċi u stretti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet waqt l-irmiġġ minn vapuri li jieħdu l-enerġija mill-magni tagħhom matul is-soġġorn tagħhom fil-port. Skont id-*data* miġbura fil-qafas tar-Regolament (UE) 2015/757 fl-2018, il-vapuri tal-passiġġieri u l-vapuri tal-kontejners huma l-kategoriji ta' vapuri li jipproduċu l-ogħla ammont ta' emissjonijiet għal kull vapur irmiġġat. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-emissjonijiet minn dawn il-kategoriji ta' vapuri jiġu indirizzati bħala prijorità.

(21) L-użu ta' provvista tal-enerġija fuq l-art (OPS) inaqqas it-tniġġis tal-arja prodott mill-vapuri u jnaqqas ukoll l-ammont ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġġenerati mit-trasport marittimu. L-OPS jirrappreżenta provvista tal-enerġija dejjem aktar nadifa disponibbli għall-vapuri rmiġġati, fid-dawl tas-sehem dejjem akbar tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-elettriku tal-UE. Filwaqt li huwa biss il-forniment ta' punti ta' konnessjoni tal-OPS li huwa kopert mid-Direttiva 2014/94/UE (id-Direttiva dwar Infrastruttura tal-Karburanti Alternattivi – AFD), id-domanda għal u, b'riżultat ta' dan, l-użu ta' din it-teknoloġija baqa' limitat. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi biex jiġi awtorizzat l-użu tal-OPS mill-vapuri l-aktar niġġiesa.

(22) Minbarra l-OPS, teknoloġiji oħra jistgħu jkunu kapaċi joffru benefiċċji ambjentali ekwivalenti fil-portijiet. Meta jintwera li l-użu ta' teknoloġija alternattiva huwa ekwivalenti għall-użu tal-OPS, jenħtieġ li vapur ikun eżentat milli juża l-OPS.

(23) Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-użu tal-OPS għal għadd ta' raġunijiet oġġettivi, iċċertifikati mill-korp maniġerjali tal-port tal-waqfa u limitati għal waqfiet mhux skedati f'port għal raġunijiet ta' sikurezza jew ta' salvataġġ tal-ħajja fuq il-baħar, għal soġġorni qosra ta' vapuri rmiġġati ta' inqas minn sagħtejn, peress li dan huwa l-ħin minimu meħtieġ għall-konnessjoni, u għall-użu tal-ġenerazzjoni tal-enerġija abbord f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

(24) Jenħtieġ li l-eċċezzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà jew ta' inkompatibbiltà tal-OPS ikunu limitati wara li l-operaturi tal-vapuri u tal-portijiet ikunu ngħataw biżżejjed żmien biex jagħmlu l-investimenti meħtieġa, sabiex jiġu pprovduti l-inċentivi meħtieġa għal dawk l-investimenti u tiġi evitata kompetizzjoni inġusta. Mill-2035, jenħtieġ li l-operaturi tal-vapuri jippjanaw bir-reqqa l-waqfiet tagħhom f'port biex jiżguraw li jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom mingħajr l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja u ta' gassijiet serra waqt l-irmiġġ, u b'hekk jikkompromettu l-ambjent fiż-żoni kostali u fil-bliet b'portijiet. Jenħtieġ li jinżamm għadd limitat ta' eċċezzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà jew ta' inkompatibbiltà tal-OPS, sabiex tingħata l-possibbiltà ta' bidliet okkażjonali tal-aħħar minuta fl-iskedi tal-waqfiet f'port u ta' waqfiet f'portijiet b'tagħmir inkompatibbli.

(25) Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema robusta ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika permezz ta' dan ir-Regolament sabiex tiġi traċċata l-konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu. Jenħtieġ li din is-sistema tapplika b'mod mhux diskriminatorju għall-vapuri kollha u teħtieġ verifika minn parti terza biex tiġi żgurata l-akkuratezza tad-*data* sottomessa fi ħdan din is-sistema. Sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-objettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li kwalunkwe *data* diġà rrappurtata għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2015/757 tintuża, fejn ikun meħtieġ, biex tiġi vverifikata l-konformità ma' dan ir-Regolament sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv impost fuq il-kumpaniji, il-verifikaturi u l-awtoritajiet marittimi.

(26) Jenħtieġ li l-kumpaniji jkunu responsabbli għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-ammont u t-tip ta' enerġija użata abbord minn vapuri fin-navigazzjoni u rmiġġati, kif ukoll informazzjoni rilevanti oħra, bħal informazzjoni dwar it-tip ta' magna abbord jew il-preżenza ta' teknoloġiji ta' assistenza mir-riħ, bil-għan li tintwera l-konformità mal-limitu fuq l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapur stipulat minn dan ir-Regolament. Biex jiġi ffaċilitat l-issodisfar ta' dawn l-obbligi ta' monitoraġġ u rappurtar u l-proċess ta' verifika mill-verifikaturi, b'mod simili għar-Regolament (UE) 2015/757, jenħtieġ li l-kumpaniji jiddokumentaw il-metodu ta' monitoraġġ previst u jipprovdu aktar dettalji dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' dan ir-Regolament fi pjan ta' monitoraġġ. Jenħtieġ li l-pjan ta' monitoraġġ, kif ukoll il-modifiki sussegwenti tiegħu, jekk ikun applikabbli, jiġu sottomessi lill-verifikatur.

(27) Iċ-ċertifikazzjoni tal-fjuwils hija essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament u biex tiġi ggarantita l-integrità ambjentali tal-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li huma mistennija jintużaw fis-settur marittimu. Din iċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li ssir permezz ta' proċedura trasparenti u mhux diskriminatorja. Bil-għan li tiġi ffaċilitata ċ-ċertifikazzjoni u li jiġi limitat il-piż amministrattiv, jenħtieġ li ċ-ċertifikazzjoni tal-bijofjuwils, tal-bijogass, tal-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u tal-fjuwils tal-karbonju riċiklat tiddependi mir-regoli stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2018/2001. Jenħtieġ li dan l-approċċ ta' ċertifikazzjoni japplika wkoll għall-bunkering ta' fjuwils barra mill-Unjoni, li jenħtieġ li jitqiesu bħala fjuwils importati, b'mod simili għad-Direttiva (UE) 2018/2001. Meta l-kumpaniji jkunu biħsiebhom jitbiegħdu mill-valuri prestabbiliti previsti minn dik id-Direttiva jew minn dan il-qafas il-ġdid, jenħtieġ li dan isir biss meta l-valuri jkunu jistgħu jiġu ċċertifikati minn waħda mill-iskemi volontarji rikonoxxuti skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 (għall-valuri well-to-tank) jew permezz ta' ttestjar fil-laboratorju jew kejl dirett tal-emissjonijiet (tank-to-wake).

(28) Jenħtieġ li l-verifika minn verifikaturi akkreditati tiżgura l-akkuratezza u l-kompletezza tal-monitoraġġ u tar-rappurtar mill-kumpaniji, kif ukoll il-konformità ma' dan ir-Regolament. Sabiex tiġi żgurata l-imparzjalità, jenħtieġ li l-verifikaturi jkunu entitajiet ġuridiċi indipendenti u kompetenti u jenħtieġ li jiġu akkreditati minn korpi nazzjonali ta' akkreditament stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24].

(29) Abbażi tad-*data* u l-informazzjoni mmonitorjati u rrappurtati mill-kumpaniji, jenħtieġ li l-verifikaturi jikkalkulaw u jistabbilixxu l-intensità medja annwali tal-gassijiet serra

[24] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008).

tal-enerġija użata abbord minn vapur u l-bilanċ tal-vapur fir-rigward tal-limitu, inkluż kwalunkwe surplus jew defiċit ta' konformità, kif ukoll ir-rispett tar-rekwiżiti għall-użu tal-provvista tal-enerġija fuq l-art waqt l-irmiġġ. Jenħtieġ li l-verifikatur jinnotifika din l-informazzjoni lill-kumpanija kkonċernata. Meta l-verifikatur ikun l-istess entità bħall-verifikatur għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2015/757, din in-notifika tista' ssir flimkien mar-rapport ta' verifika skont dak ir-Regolament. Jenħtieġ li mbagħad din l-informazzjoni tiġi rrappurtata mill-kumpanija kkonċernata lill-Kummissjoni.

(30) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi u tiżgura l-funzjonament ta' bażi tad-*data* elettronika li tirreġistra l-prestazzjoni ta' kull vapur u tiżgura l-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament. Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rappurtar u jiġi limitat il-piż amministrattiv għall-kumpaniji, il-verifikaturi u utenti oħra, jenħtieġ li din il-bażi tad-*data* elettronika tibni fuq il-modulu THETIS-MRV eżistenti u tieħu inkunsiderazzjoni l-possibbiltà li terġa' tintuża l-informazzjoni u d-*data* miġbura għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2015/757.

(31) Il-konformità ma' dan ir-Regolament tkun tiddependi minn elementi li jistgħu ma jkunux fil-kontroll tal-kumpanija, bħal kwistjonijiet relatati mad-disponibbiltà tal-fjuwil jew mal-kwalità tal-fjuwil. Għalhekk, jenħtieġ li l-kumpaniji jingħataw il-flessibbiltà li jirriportaw surplus ta' konformità minn sena għal oħra jew li, fi ħdan ċerti limiti, jissellfu antiċipu ta' surplus ta' konformità mis-sena sussegwenti. Billi huwa ta' importanza kbira għall-kwalità tal-arja lokali fil-bliet b'portijiet u fiż-żoni kostali, jenħtieġ li l-użu tal-OPS fl-irmiġġ ma jkunx eliġibbli għal dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà simili.

(32) Sabiex jiġi evitat il-lock-in teknoloġiku u biex ikompli jiġi appoġġat l-użu tal-aktar soluzzjonijiet bi prestazzjoni tajba, jenħtieġ li l-kumpaniji jitħallew jiġbru flimkien il-prestazzjonijiet ta' vapuri differenti u jużaw il-prestazzjoni żejda possibbli ta' vapur wieħed biex jikkumpensaw għall-prestazzjoni insuffiċjenti ta' vapur ieħor. Dan joħloq il-possibbiltà li tiġi ppremjata l-konformità żejda u jinċentiva l-investiment f'teknoloġiji aktar avvanzati. Jenħtieġ li l-possibbiltà ta' għażla ta' akkomunament tal-konformità tibqa' volontarja u soġġetta għall-qbil tal-kumpaniji kkonċernati.

(33) Dokument ta' konformità ("ċertifikat tal-konformità FuelEU") maħruġ minn verifikatur skont il-proċeduri stabbiliti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jinżamm abbord il-vapuri bħala evidenza ta' konformità mal-limiti fuq l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapur, skont ir-rekwiżiti dwar l-użu ta' OPS waqt l-irmiġġ. Jenħtieġ li l-verifikaturi jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-ħruġ ta' dawn id-dokumenti.

(34) L-għadd ta' waqfiet mhux konformi f'port jenħtieġ li jiġi ddeterminat minn verifikaturi f'konformità ma' sett ta' kriterji ċari u oġġettivi bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-informazzjoni rilevanti kollha, inklużi l-ħin tas-soġġorn, l-ammont ta' kull tip u enerġija kkunsmata, u l-applikazzjoni ta' kwalunkwe kundizzjoni ta' esklużjoni, għal kull waqfa f'port fl-Unjoni. Din l-informazzjoni jenħtieġ li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-verifikaturi mill-kumpaniji għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-konformità.

(35) Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' konformità permezz tad-dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà u ta' akkomunament, il-vapuri li ma jissodisfawx l-intensità medja annwali tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord għandhom ikunu soġġetti għal penali li jkollhom effett dissważiv. Il-penali jenħtieġ li jkunu proporzjonati man-nuqqas ta' konformità u telimina kwalunkwe vantaġġ ekonomiku tan-nuqqas ta'

konformità, u b'hekk jiġu ppreservati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-settur. Jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-ammont u l-kost tal-fjuwil rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li l-vapuri kien imisshom użaw biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament.

(36) Il-penali imposti għal kull waqfa mhux konformi f'port jenħtieġ li jkunu proporzjonati mal-kost tal-użu tal-elettriku u f'livell suffiċjenti biex ikollhom effett dissważiv mill-użu ta' sorsi ta' enerġija aktar niġġiesa. Il-penali jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kapaċità installata abbord il-bastiment, espressa f'megawatts, immultiplikata b'piena fissa f'EUR għal kull siegħa ta' soġġorn fl-irmiġġ. Minħabba n-nuqqas ta' ċifri preċiżi dwar il-kost tal-forniment ta' OPS fl-Unjoni, din ir-rata jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-prezz medju tal-elettriku tal-UE għall-konsumaturi mhux domestiċi mmultiplikat b'fattur ta' tnejn, biex jittieħed kont ta' imposti oħra relatati mal-forniment tas-servizz, inklużi fost l-oħrajn il-kostijiet tal-konnessjoni u l-irkupru tal-investiment.

(37) Id-dħul iġġenerat mill-ħlas ta' penali jenħtieġ li jintuża biex jippromwovi d-distribuzzjoni u l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur marittimu u biex jgħin lill-operaturi marittimi jilħqu l-għanijiet klimatiċi u ambjentali tagħhom. Għal dan il-għan, dan id-dħul jenħtieġ li jiġi allokat lill-Fond għall-Innovazzjoni msemmi fl-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE.

(38) L-infurzar tal-obbligi relatati ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun ibbażat fuq strumenti eżistenti, jiġifieri dawk stabbiliti skont id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25] u d-Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26]. Id-dokument li jikkonferma l-konformità tal-vapur mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżdied mal-lista ta' ċertifikati u dokumenti msemmija fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/16/KE.

(39) Minħabba l-importanza tal-konsegwenzi li jista' jkollhom il-miżuri meħuda mill-verifikaturi skont dan ir-Regolament għall-kumpaniji kkonċernati, b'mod partikolari rigward id-determinazzjoni ta' waqfiet mhux konformi f'port, il-kalkolu tal-ammonti ta' penali u r-rifjut li jinħareġ ċertifikat tal-konformità FuelEU, dawk il-kumpaniji jenħtieġ li jkunu intitolati japplikaw għal rieżami ta' dawn il-miżuri mal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn ikun ġie akkreditat il-verifikatur. Fid-dawl tad-dritt fundamentali għal rimedju effettiv, minqux fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti u mill-korpi maniġerjali tal-port skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu soġġetti għal rimedju ġudizzjarju, imwettaq f'konformità mad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

(40) Sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni permezz tal-funzjonament effiċjenti ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emenda tal-lista ta' fatturi tal-emissjoni well-to-wake, tal-emenda tal-lista tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero applikabbli jew tal-kriterji għall-użu tagħhom, biex jiġu stabbiliti r-regoli dwar it-twettiq tal-ittestjar fil-laboratorju u l-kejl dirett tal-emissjonijiet, l-adattament tal-fattur ta' penali, l-akkreditament tal-verifikaturi, l-adattament tal-fattur ta' penali, u l-

[25] Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

[26] Id-Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 132).

modalitajiet għall-ħlas tal-penali. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(41) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27]. Meta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ikunu qed jiġu stabbiliti l-mudelli għall-pjanijiet ta' monitoraġġ standardizzati, inklużi r-regoli tekniċi għall-applikazzjoni uniformi tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tieħu inkunsiderazzjoni l-possibbiltà li terġa' tuża l-informazzjoni u d-*data* miġbura għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2015/757.

(42) Minħabba d-dimensjoni internazzjonali tas-settur marittimu, huwa preferibbli approċċ globali għal-limitazzjoni tal-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata mill-vapuri, billi dan jista' jitqies bħala aktar effettiv minħabba l-kamp ta' applikazzjoni usa' tiegħu. F'dan il-kuntest, u bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' regoli internazzjonali fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkondividi informazzjoni rilevanti dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mal-IMO u ma' korpi internazzjonali rilevanti oħra, u jenħtieġ li jsiru s-sottomissjonijiet rilevanti lill-IMO. Meta jintlaħaq ftehim dwar approċċ globali dwar kwistjonijiet ta' rilevanza għal dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina dan ir-Regolament bl-għan li tallinjah, fejn ikun xieraq, mar-regoli internazzjonali.

(43) L-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ta' sorsi alternattivi tal-enerġija minn vapuri li jaslu fi, jkunu fi jew jitilqu minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru madwar l-Unjoni, mhuwiex objettiv li jista' jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri mingħajr ma jirriskjaw li jintroduċu ostakli għas-suq intern u distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-portijiet u bejn l-operaturi marittimi. Dan l-objettiv jista' jintlaħaq aħjar billi jiġu introdotti regoli uniformi fil-livell tal-Unjoni li joħolqu inċentivi ekonomiċi għall-operaturi marittimi biex ikomplu joperaw mingħajr tfixkil filwaqt li jissodisfaw l-obbligi dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Għaldaqstant, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv,

[27] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

**Objettivi u għan**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi li jimponu:

(a) il-limitu fuq l-intensità tal-gassijiet serra (“GHG”) tal-enerġija użata abbord minn vapur li jasal, ikun fi jew jitlaq minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru u

(b) l-obbligu li tintuża provvista tal-enerġija fuq l-art jew teknoloġija b’emissjonijiet żero fil-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru,

sabiex jiżdied l-użu konsistenti ta’ fjuwils rinnovabbli u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju u ta’ sorsi alternattivi tal-enerġija madwar l-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat tħaddim mingħajr xkiel tat-traffiku marittimu u jiġu evitati distorsjonijiet fis-suq intern.

*Artikolu 2*

**Kamp ta’ applikazzjoni**

Dan ir-Regolament japplika għall-vapuri kollha b’tunnellaġġ gross ta’ aktar minn 5000, irrispettivament mill-bandiera tagħhom, fir-rigward:

(a) tal-enerġija użata matul is-soġġorn tagħhom f’port tal-waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru,

(b) tal-enerġija kollha użata fuq vjaġġi minn port tal-waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru lejn port tal-waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru, u

(c) ta’ nofs l-enerġija użata fuq vjaġġi li jitilqu minn jew li jaslu f’port tal-waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru, fejn l-aħħar port tal-waqfa jew dak sussegwenti jkun taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ pajjiż terz.

Dan ir-Regolament ma japplikax għal vapuri tal-gwerra, awżiljarji navali, vapuri li jaqbdu l-ħut jew vapuri li jipproċessaw il-ħut, vapuri tal-injam b’binja primittiva, vapuri li ma jitħaddmux b’mezzi mekkaniċi, jew vapuri tal-Istat li jintużaw għal skopijiet mhux kummerċjali.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) “emissjonijiet ta’ gassijiet serra” tfisser ir-rilaxx tad-diossidu tal-karbonju ($CO_2$), tal-metan ($CH_4$) u ta’ ossidi nitrużi ($N_2O$) fl-atmosfera;

(b) “bijofjuwils” tfisser bijofjuwils kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (33) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(c) “bijogass” tfisser bijogass kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (28) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(d) “fjuwils tal-karbonju riċiklat” tfisser fjuwils tal-karbonju riċiklat kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (35) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(e) “fjuwils rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika” tfisser fjuwils rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (36) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(f) “għelejjel tal-ikel u tal-għalf” tfisser għelejjel tal-ikel u tal-għalf kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (40) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(g) “teknoloġija b’emissjonijiet żero” tfisser teknoloġija li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III li ma timplikax ir-rilaxx fl-atmosfera tal-gassijiet serra u s-sustanzi li jniġġsu fl-arja li ġejjin mill-vapuri: id-diossidu tal-karbonju ($CO_2$), il-metan ($CH_4$), l-ossidi nitrużi ($N_2O$), l-ossidi tal-kubrit ($SO_x$), l-ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$) u l-materja partikolata (PM);

(h) “sorsi alternattivi tal-enerġija” tfisser enerġija rinnovabbli mir-riħ jew mix-xemx iġġenerata abbord jew elettriku fornut minn provvista tal-enerġija fuq l-art;

(i) “port tal-waqfa” tfisser port tal-waqfa kif iddefinit fl-Artikolu 3, il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2015/757;

(j) “vjaġġ” tfisser vjaġġ kif iddefinit fl-Artikolu 3, il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2015/757;

(k) “kumpanija” tfisser kumpanija kif iddefinit fl-Artikolu 3, il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2015/757;

(l) “tunnellaġġ gross” (GT) tfisser GT kif iddefinit fl-Artikolu 3, il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2015/757;

(m) “vapur irmiġġat” tfisser vapur irmiġġat kif iddefinit fl-Artikolu 3, il-punt (n) tar-Regolament (UE) 2015/757;

(n) “użu tal-enerġija abbord” tfisser l-ammont ta’ enerġija, espress f’mega joules (MJ), użat minn vapur għall-propulsjoni u għat-tħaddim ta’ kwalunkwe tagħmir abbord, fuq il-baħar jew fl-irmiġġ;

(o) “intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord” tfisser l-ammont ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra, espress fi grammi ta’ ekwivalenti ta’ $CO_2$ stabbiliti fuq bażi well-to-wake, għal kull MJ ta’ enerġija użata abbord;

(p) “well-to-wake” tfisser metodu għall-kalkolu tal-emissjonijiet li jieħu inkunsiderazzjoni l-impatt tal-gassijiet serra tal-produzzjoni, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-użu tal-enerġija abbord, inkluż matul il-kombustjoni;

(q) “fattur ta’ emissjoni” tfisser ir-rata ta’ emissjoni medja ta’ gass serra relattiva għad-*data* dwar l-attivitajiet ta’ fluss minn sors, bil-preżunzjoni ta’ ossidazzjoni kompleta għall-kombustjoni u ta’ konverżjoni kompleta għar-reazzjonijiet kimiċi l-oħrajn kollha;

(r) “provvista tal-enerġija fuq l-art” tfisser is-sistema ta’ provvista tal-elettriku lill-vapuri rmiġġati, b’voltaġġ baxx jew għoli u b’kurrent alternat jew dirett, inklużi installazzjonijiet fuq in-naħa tal-vapur u fuq ix-xatt, meta tkun qed tiġi alimentata direttament l-iswiċċbord ta’ distribuzzjoni ewlenija tal-vapur biex tingħata enerġija lit-tagħbijiet tal-lukanda u tas-servizz, jew biex jiġu ċċarġjati l-batteriji sekondarji;

(s) “verifikatur” tfisser entità ġuridika li twettaq attivitajiet ta’ verifika, li tiġi akkreditata minn korp nazzjonali ta’ akkreditament skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 u dan ir-Regolament;

(t) “perjodu ta’ rappurtar” tfisser perjodu ta’ rappurtar kif iddefinit fl-Artikolu 3, il-punt (m) tar-Regolament (UE) 2015/757;

(u) “ċertifikat tal-konformità FuelEU” tfisser ċertifikat speċifiku għal vapur, maħruġ lil kumpanija minn verifikatur, li jikkonferma li dak il-vapur ikun ikkonforma ma’ dan ir-Regolament għal perjodu ta’ rappurtar speċifiku;

(v) “vapur tal-passiġġieri” tfisser vapur li jittrasporta aktar minn 12-il passiġġier, inklużi vapuri tal-kruċiera, inġenji ta’ veloċità għolja għall-passiġġieri, u vapuri b’faċilitajiet biex vetturi tat-triq jew tal-ferrovija jitilgħu u jinżlu mill-bastiment;

(w) “vapur tal-kontejners” tfisser vapur imfassal esklużivament għat-trasport ta’ kontejners fl-istivi u fuq il-gverta;

(x) “waqfa mhux konformi f’port” tfisser waqfa f’port li matulha l-vapur ma jikkonformax mar-rekwiżit tal-Artikolu 5(1), u ma tkun tapplika l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(3);

(y) “perkors l-inqas favorevoli” tfisser l-aktar perkors ta’ produzzjoni intensiv fil-karbonju użat għal kwalunkwe fjuwil partikolari;

(z) “ekwivalenti ta’ $CO_2$ ” tfisser il-kejl metriku użat biex jiġu kkomputati l-emissjonijiet mis-$CO_2$, $CH_4$ u $N_2O$ abbażi tal-potenzjal ta’ tisħin globali tagħhom, billi l-ammonti ta’ $CH_4$ u $N_2O$ jiġu konvertiti għall-ammont ekwivalenti ta’ diossidu tal-karbonju bl-istess potenzjal ta’ tisħin globali;

(aa) “bilanċ ta’ konformità” tfisser il-kejl ta’ konformità żejda jew insuffiċjenti ta’ vapur fir-rigward tal-limiti għall-intensità medja annwali tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapur, li tiġi kkalkulata f’konformità mal-Anness V.

(bb) “surplus ta’ konformità” tfisser bilanċ ta’ konformità b’valur pożittiv.

(cc) “defiċit ta’ konformità” tfisser bilanċ ta’ konformità b’valur negattiv;

(dd) “bilanċ totali ta’ konformità tal-akkomunament” tfisser is-somma tal-bilanċi ta’ konformità tal-vapuri kollha inklużi fl-akkomunament.

(ee) “korp maniġerjali tal-port” tfisser kwalunkwe korp pubbliku jew privat kif iddefinit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28].

# KAPITOLU II

## REKWIŻITI DWAR L-ENERĠIJA UŻATA ABBORD MILL-VAPURI

*Artikolu 4*

### Il-limitu tal-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapur

28 Ir-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta’ Frar 2017 li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (ĠU L 57, 3.3.2017, p. 1).

1. L-intensità medja annwali tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapur matul perjodu ta' rappurtar ma għandhiex taqbeż il-limitu stipulat fil-paragrafu 2.

2. Il-limitu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat billi l-valur referenzjarju ta' [X grammi ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ għal kull MJ]* jitnaqqas bil-perċentwal li ġej:

– -2 % mill-1 ta' Jannar 2025;

– -6 % mill-1 ta' Jannar 2030;

– -13 % mill-1 ta' Jannar 2035;

– -26 % mill-1 ta' Jannar 2040;

– -59 % mill-1 ta' Jannar 2045;

– -75 % mill-1 ta' Jannar 2050.

*[Nota: Il-valur referenzjarju, li l-kalkolu tiegħu se jitwettaq fi stadju aktar tard tal-proċedura leġiżlattiva, jikkorrispondi għall-intensità medja tal-flotta tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-vapuri fl-2020, iddeterminata abbażi tad-data mmonitorjata u rrappurtata fil-qafas tar-Regolament (UE) 2015/757 u bl-użu tal-metodoloġija u l-valuri prestabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.]*

3. L-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapur għandha tiġi kkalkulata bħala l-ammont ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull unità ta' enerġija, skont il-metodoloġija speċifikata fl-Anness I.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex temenda l-Anness II sabiex tinkludi l-fatturi ta' emissjoni well-to-wake relatati ma' kwalunkwe sors ġdid ta' enerġija, jew biex tadatta l-fatturi ta' emissjoni eżistenti biex tiżgura l-konsistenza mal-istandards internazzjonali futuri jew mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija.

*Artikolu 5*

**Rekwiżiti addizzjonali ta' emissjonijiet żero tal-enerġija użata waqt l-irmiġġ**

1. Mill-1 ta' Jannar 2030, vapur irmiġġat f'port tal-waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għandu jiġi konness ma' provvista tal-enerġija fuq l-art u jużaha għall-ħtiġijiet kollha tal-enerġija waqt li jkun irmiġġat.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal:

(a) vapuri tal-kontejners;

(b) vapuri tal-passiġġieri.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal vapuri:

(a) li jkunu rmiġġati għal inqas minn sagħtejn, ikkalkulati abbażi tas-siegħa tat-tluq u tal-wasla mmonitorjati f'konformità mal-Artikolu 14;

(b) li jużaw teknoloġiji b'emissjonijiet żero, kif speċifikat fl-Anness III;

(c) li jkollhom jagħmlu waqfa mhux skedata f'port għal raġunijiet ta' sikurezza jew ta' salvataġġ tal-ħajja fuq il-baħar;

(d) li ma jkunux jistgħu jikkonnettjaw mal-provvista tal-enerġija fuq l-art minħabba li ma jkunx hemm punti ta' konnessjoni disponibbli f'port;

(e) li ma jkunux jistgħu jikkonnettjaw mal-provvista tal-enerġija fuq l-art minħabba li l-installazzjoni fil-port ma tkunx kompatibbli mat-tagħmir tal-elettriku mix-xatt li jkun hemm abbord;

(f) li, għal perjodu ta' żmien limitat, jeħtieġu l-użu ta' ġenerazzjoni tal-enerġija abbord, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jirrappreżentaw riskju immedjat għall-ħajja, il-vapur, l-ambjent jew għal raġunijiet oħra ta' *force majeure*.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex temenda l-Anness III sabiex iddaħħal referenzi għal teknoloġiji ġodda fil-lista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero applikabbli jew kriterji għall-użu tagħhom, fejn dawn it-teknoloġiji l-ġodda jinstabu ekwivalenti għat-teknoloġiji elenkati f'dak l-Anness fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku.

5. Il-korp maniġerjali tal-port tal-waqfa għandu jiddetermina jekk japplikawx l-eċċezzjonijiet stipulati fil-paragrafu 3 u joħroġ jew jirrifjuta li joħroġ iċ-ċertifikat f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness IV.

6. Mill-1 ta' Jannar 2035, l-eċċezzjonijiet elenkati fil-paragrafu 3, il-punti (d) u (e), ma jistgħux jiġu applikati għal vapur partikolari aktar minn total ta' ħames darbiet matul sena ta' rappurtar waħda. Waqfa f'port ma għandhiex tingħadd għall-finijiet tal-konformità ma' din id-dispożizzjoni fejn il-kumpanija turi li ma setgħetx tkun taf b'mod raġonevoli li l-vapur mhux se jkun jista' jikkonnettja għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 3, il-punti (d) u (e).

7. Sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jirriżultaw fil-ħtieġa li jintużaw ġeneraturi abbord, imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (f), għandhom jiġu ddokumentati u rrappurtati mill-vapur lill-korp maniġerjali tal-port.

# KAPITOLU III

## PRINĊIPJI U ĊERTIFIKAZZJONI KOMUNI

*Artikolu 6*

### Prinċipji komuni għall-monitoraġġ u r-rappurtar

1. F'konformità mal-Artikoli 7 sa 9, għal kull vapur tagħhom il-kumpaniji għandhom jimmonitorjaw u jirrappurtaw dwar id-*data* rilevanti matul perjodu ta' rappurtar. Huma għandhom iwettqu l-monitoraġġ u r-rappurtar fil-portijiet kollha taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u għal kull vjaġġ lejn jew minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru.

2. Il-monitoraġġ u r-rappurtar għandhom ikunu kompleti u għandhom ikopru l-enerġija użata abbord mill-vapuri kemm waqt li l-vapuri jkunu qed ibaħħru kif ukoll meta jkunu rmiġġati. Il-kumpaniji għandhom japplikaw miżuri xierqa biex jevitaw kull lakuna fid-*data* fi ħdan il-perjodu ta' rappurtar.

3. Il-monitoraġġ u r-rappurtar għandhom ikunu konsistenti u kumparabbli tul iż-żmien. Għal dak il-għan, il-kumpaniji għandhom jużaw l-istess metodoloġiji ta' monitoraġġ u l-istess settijiet ta' *data*, soġġett għal modifiki vvalutati mill-verifikatur. Il-kumpaniji għandhom jippermettu aċċertament raġonevoli tal-integrità tad-*data* li għandha tiġi mmonitorjata u rrappurtata.

4. Il-kumpaniji għandhom jiksbu, jirreġistraw, jikkompilaw, janalizzaw u jiddokumentaw b'mod trasparenti u preċiż id-*data* ta' monitoraġġ, inklużi s-suppożizzjonijiet, ir-referenzi, il-fatturi ta' emissjoni u d-*data* dwar l-attivitajiet, biex il-verifikatur ikun jista' jiddetermina l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-vapuri.

5. Fit-twettiq tal-attivitajiet ta' monitoraġġ u rappurtar stipulati fl-Artikoli 7 sa 9 u 14 ta' dan ir-Regolament, għandhom jintużaw fejn xieraq l-informazzjoni u d-*data* miġbura għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2015/757.

*Artikolu 7*

**Pjan ta' monitoraġġ**

1. Sal-31 ta' Awwissu 2024, il-kumpaniji għandhom jissottomettu lill-verifikaturi pjan ta' monitoraġġ għal kull wieħed mill-vapuri tagħhom fejn jindikaw il-metodu magħżul minn fost dawk stipulati fl-Anness I biex jimmonitorjaw u jirrappurtaw l-ammont, it-tip u l-fatturi ta' emissjoni tal-enerġija użata abbord mill-vapuri, u informazzjoni rilevanti oħra.

2. Għal vapuri li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ewwel darba wara l-31 ta' Awwissu 2024, il-kumpaniji għandhom jissottomettu pjan ta' monitoraġġ lill-verifikatur mingħajr dewmien mhux iġġustifikat u mhux aktar tard minn xahrejn wara l-ewwel waqfa ta' kull vapur f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru.

3. Il-pjan ta' monitoraġġ għandu jikkonsisti minn dokumentazzjoni kompleta u trasparenti u għandu jinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni u t-tip tal-vapur, inkluż ismu, in-numru tal-identifikazzjoni tal-IMO tiegħu, il-port tar-reġistrazzjoni jew il-port tad-domiċilju tiegħu, u isem sid il-vapur;

(b) l-isem tal-kumpanija u l-indirizz, id-dettalji tat-telefon u tal-email ta' persuna ta' kuntatt;

(c) deskrizzjoni tas-sistemi ta' konverżjoni tal-enerġija installati abbord, u l-kapaċità tal-potenza relatata espressa f'megawatts (MW);

(d) deskrizzjoni li l-vapur ikollu tagħmir installat u ċċertifikat li jippermetti konnessjoni ma' provvista tal-enerġija fuq l-art, b'voltaġġ u bi frekwenza speċifikati, inkluż il-ger speċifikat f'IEC/IEEE 80005-1 (Voltaġġ Għoli) u f'IEC/IEEE 80005-3 (Voltaġġ Baxx), jew ikun mgħammar b'sorsi alternattivi tal-enerġija jew b'teknoloġija b'emissjonijiet żero kif speċifikat fl-Anness III;

(e) deskrizzjoni tas-sors(i) intenzjonat(i) ta' enerġija li għandha/għandhom tintuża/jintużaw abbord waqt in-navigazzjoni u mal-irmiġġ biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 4 u 5;

(f) deskrizzjoni tal-proċeduri għall-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil tal-vapur, kif ukoll tal-enerġija pprovduta minn sorsi alternattivi tal-enerġija jew teknoloġija b'emissjonijiet żero, kif speċifikat fl-Anness III;

(g) il-fatturi ta' emissjoni well-to-wake msemmija fl-Anness II;

(h) deskrizzjoni tal-proċeduri użati biex tiġi mmonitorjata l-kompletezza tal-lista ta' vjaġġi;

(i) deskrizzjoni tal-proċeduri użati biex tiġi ddeterminata d-*data* dwar l-attivitajiet għal kull vjaġġ, inklużi l-proċeduri, ir-responsabbiltajiet, il-formuli u s-sorsi tad-*data* biex jiġi ddeterminat u rreġistrat il-ħin imqatta' fuq il-baħar bejn il-port tat-tluq u l-port tal-wasla, u l-ħin imqatta' fl-irmiġġ;

(j) deskrizzjoni tal-proċeduri, is-sistemi u r-responsabbiltajiet użati biex tiġi aġġornata kwalunkwe *data* inkluża fil-pjan ta' monitoraġġ matul il-perjodu ta' rappurtar;

(k) deskrizzjoni tal-metodu li għandu jintuża biex tiġi ddeterminata d-*data* ta' sostituzzjoni għall-eliminazzjoni ta' lakuni fid-*data*;

(l) folja ta' reġistrazzjoni tar-reviżjonijiet biex jiġu rreġistrati d-dettalji kollha tal-istorja tar-reviżjonijiet.

4. Il-kumpaniji għandhom jużaw pjanijiet ta' monitoraġġ standardizzati bbażati fuq mudelli. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddetermina dawk il-mudelli, inklużi r-regoli tekniċi għall-applikazzjoni uniformi tagħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(3).

*Artikolu 8*

**Modifiki tal-pjan ta' monitoraġġ**

1. Il-kumpaniji għandhom jiċċekkjaw regolarment, u mill-inqas kull sena, jekk il-pjan ta' monitoraġġ ta' vapur jirriflettix in-natura u l-funzjonament tal-vapur u jekk kwalunkwe *data* inkluża fih tistax tiġi mtejba.

2. Il-kumpaniji għandhom jimmodifikaw il-pjan ta' monitoraġġ fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) fejn isseħħ bidla fil-kumpanija;

(b) fejn jintużaw sistemi ġodda ta' konverżjoni tal-enerġija, tipi ġodda ta' enerġija, inklużi sorsi alternattivi tal-enerġija jew teknoloġija b'emissjonijiet żero kif speċifikat fl-Anness III;

(c) fejn bidla fid-disponibbiltà tad-*data* minħabba l-użu ta' tipi ġodda ta' tagħmir tal-kejl, metodi ta' kampjunar jew metodi ta' analiżi ġodda, jew inkella għal raġunijiet oħra, tista' taffettwa l-akkuratezza tad-*data* miġbura;

(d) fejn id-*data* li tirriżulta mill-metodu ta' monitoraġġ applikat tinstab li ma tkunx korretta;

(e) fejn kwalunkwe parti mill-pjan ta' monitoraġġ tiġi identifikata bħala li mhijiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, u l-kumpanija tkun meħtieġa tirrivediha mill-verifikatur.

3. Il-kumpaniji għandhom jinnotifikaw lill-verifikaturi mingħajr dewmien mhux iġġustifikat bi kwalunkwe proposta għal modifika fil-pjan ta' monitoraġġ.

4. Il-modifiki fil-pjan ta' monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (b), (c) u (d) ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni mill-verifikatur. Wara l-valutazzjoni, il-verifikatur għandu jinnotifika lill-kumpanija kkonċernata dwar jekk dawk il-modifiki jkunux f'konformità mal-Artikolu 6.

*Artikolu 9*

**Ċertifikazzjoni ta' bijofjuwils, bijogass, fjuwils tat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, u fjuwils tal-karbonju riċiklat**

1. Fejn, kif iddefinit fid-Direttiva (UE) 2018/2001, il-bijofjuwils, il-bijogass, il-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklat għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet imsemmija fl-Artikoli 4(1) ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) fatturi ta' emissjoni ta' gassijiet serra tal-bijofjuwils u tal-bijogass li jikkonformaw mal-kriterji dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar ta' gassijiet serra stipulati fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għandhom jiġu ddeterminati skont il-metodoloġiji stipulati f'dik id-Direttiva;

(b) fatturi ta' emissjoni ta' gassijiet serra tal-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u tal-fjuwil tal-karbonju riċiklat li jikkonformaw mal-limiti għall-iffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra stipulati fl-Artikolu 27(3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għandhom jiġu ddeterminati skont il-metodoloġiji stipulati f'dik id-Direttiva;

(c) bijofjuwils u bijogass li ma jikkonformawx mal-punt (a) jew li jkunu prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf għandhom jitqiesu li għandhom l-istess fatturi ta' emissjoni bħall-perkors tal-fjuwils fossili l-inqas favorevoli għal dan it-tip ta' fjuwil;

(d) fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u fjuwils tal-karbonju riċiklat li ma jikkonformawx mal-punt (b) għandhom jitqiesu li għandhom l-istess fatturi ta' emissjoni bħall-perkors tal-fjuwils fossili l-inqas favorevoli għal dan it-tip ta' fjuwils.

2. Il-kumpaniji għandhom jipprovdu *data* preċiża u affidabbli dwar l-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tal-bijofjuwils, il-bijogass, il-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklat, ivverifikata minn skema rikonoxxuta mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 30(5) u (6) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

3. Il-kumpaniji għandhom ikunu intitolati jiddevjaw mill-valuri prestabbiliti għall-fatturi ta' emissjoni tank-to-wake, dment li l-valuri effettivi jiġu ċċertifikati permezz ta' ttestjar fil-laboratorju jew ta' kejl dirett tal-emissjonijiet. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26, sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dwar it-twettiq tal-ittestjar fil-laboratorju u tal-kejl dirett tal-emissjonijiet.

# KAPITOLU IV

## VERIFIKA U AKKREDITAMENT

*Artikolu 10*

**Attivitajiet ta' verifika**

1. Il-verifikatur għandu jivvaluta l-konformità tal-pjan ta' monitoraġġ mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 9. Fejn il-valutazzjoni tal-verifikatur tidentifika nuqqasijiet ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, il-kumpanija kkonċernata għandha tirrevedi l-pjan ta' monitoraġġ tagħha kif meħtieġ u tissottometti l-pjan rivedut għal

valutazzjoni finali mill-verifikatur qabel ma jibda l-perjodu ta' rappurtar. Il-kumpanija kkonċernata għandha taqbel mal-verifikatur dwar il-perjodu ta' żmien meħtieġ biex jiġu introdotti dawk ir-reviżjonijiet. Fi kwalunkwe każ, dak il-perjodu ta' żmien ma għandux jiskorri l-bidu tal-perjodu ta' rappurtar.

2. Il-verifikatur għandu jivvaluta l-konformità tal-informazzjoni rrappurtata mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 9 u fl-Annessi I, II u III qabel iwettaq l-operazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 15(2).

3. Fejn il-valutazzjoni tal-verifika tidentifika dikjarazzjonijiet skorretti jew nuqqasijiet ta' konformità ma' dan ir-Regolament, il-verifikatur għandu jinforma lill-kumpanija kkonċernata dwar dan f'waqtu. Dik il-kumpanija mbagħad għandha temenda d-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nuqqasijiet ta' konformità sabiex il-proċess ta' verifika jkun jista' jitlesta fil-ħin.

*Artikolu 11*

**Obbligi u prinċipji ġenerali għall-verifikaturi**

1. Il-verifikatur għandu jkun indipendenti mill-kumpanija jew mill-operatur ta' vapur u għandu jwettaq l-attivitajiet meħtieġa skont dan ir-Regolament fl-interess pubbliku. Għal dak l-iskop, la l-verifikatur u lanqas xi parti mill-istess entità ġuridika ma għandhom ikunu kumpanija jew operatur ta' vapur, sid ta' kumpanija, jew ikunu proprjetà tagħhom, u l-verifikatur lanqas ma għandu jkollu relazzjonijiet mal-kumpanija li jistgħu jaffettwaw l-indipendenza u l-imparzjalità tiegħu.

2. Il-verifikatur għandu jivvaluta l-affidabbiltà, il-kredibbiltà u l-akkuratezza tad-*data* u tal-informazzjoni relatati mal-ammont, it-tip u l-fattur ta' emissjoni tal-enerġija użata abbord mill-vapuri, b'mod partikolari:

(a) l-attribuzzjoni tal-konsum tal-fjuwil u l-użu ta' sorsi alternattivi tal-enerġija għall-vjaġġi;

(b) id-*data* dwar il-konsum tal-fjuwil irrappurtata u l-kejl u l-kalkoli relatati;

(c) l-għażla u l-użu tal-fatturi ta' emissjoni;

(d) l-użu ta' provvista tal-enerġija fuq l-art jew il-preżenza ta' eċċezzjonijiet iċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 5(5).

3. Il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun ibbażata fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

(a) id-*data* rrappurtata hija koerenti b'rabta mad-*data* stmata li tkun ibbażata fuq id-*data* ta' traċċar tal-vapur u karatteristiċi bħall-qawwa tal-magna installata;

(b) id-*data* rrappurtata hija ħielsa minn inkonsistenzi, b'mod partikolari meta jitqabblu l-volum totali tal-fjuwil mixtri kull sena minn kull vapur u l-konsum aggregat tal-fjuwil matul il-vjaġġi;

(c) il-ġbir tad-*data* twettaq f'konformità mar-regoli applikabbli; u

(d) ir-reġistri rilevanti tal-vapur huma kompleti u konsistenti.

*Artikolu 12*

**Proċeduri ta' verifika**

1. Il-verifikatur għandu jidentifika r-riskji potenzjali relatati mal-proċess ta' monitoraġġ u rappurtar billi jqabbel l-ammont, it-tip u l-fattur ta' emissjoni rrappurtati tal-enerġija użata abbord minn vapuri mad-*data* stmata abbażi tad-*data* ta' traċċar tal-vapuri u karatteristiċi bħall-kapaċità installata tal-magna. Fejn jinstabu devjazzjonijiet sinifikanti, il-verifikatur għandu jwettaq analiżijiet ulterjuri.

2. Il-verifikatur għandu jidentifika r-riskji potenzjali relatati mal-passi differenti tal-kalkolu billi jirrieżamina s-sorsi tad-*data* u l-metodoloġiji kollha użati mill-kumpanija.

3. Il-verifikatur għandu jieħu inkunsiderazzjoni kull metodu effettiv ta' kontroll tar-riskju applikat mill-kumpanija kkonċernata biex jitnaqqsu l-livelli ta' inċertezza assoċjati mal-akkuratezza speċifika għall-metodi ta' monitoraġġ użati.

4. Il-kumpanija kkonċernata għandha tipprovdi lill-verifikatur bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tippermettilu jwettaq il-proċeduri ta' verifika. Il-verifikatur jista' jwettaq kontrolli matul il-proċess ta' verifika biex jiddetermina l-affidabbiltà tad-*data* u tal-informazzjoni rrappurtati.

*Artikolu 13*

**Akkreditament tal-verifikaturi**

1. Il-verifikaturi għandhom jiġu akkreditati għall-attivitajiet skont il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament minn korp nazzjonali ta' akkreditament skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008.

2. Fejn f'dan ir-Regolament ma jkunux stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-akkreditament tal-verifikaturi, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26, sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi metodi u kriterji ulterjuri ta' akkreditament tal-verifikaturi. Il-metodi speċifikati f'dawk l-atti delegati għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji għall-verifika previsti fl-Artikoli 10 u 11 u fuq standards rilevanti aċċettati fil-livell internazzjonali.

KAPITOLU V

**REĠISTRAZZJONI, VERIFIKA, RAPPURTAR U VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ**

*Artikolu 14*

**Monitoraġġ u reġistrazzjoni**

1. Abbażi tal-pjan ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 7, u wara l-valutazzjoni ta' dak il-pjan mill-verifikatur, il-kumpaniji għandhom jirreġistraw l-informazzjoni li ġejja għal kull vapur li jasal fi jew jitlaq minn, u għal kull vjaġġ lejn jew minn port tal-waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru:

(a) il-port tat-tluq u l-port tal-wasla, inklużi d-*data* u s-siegħa tat-tluq u tal-wasla u l-ħin imqatta' fl-irmiġġ;

(b) għal kull vapur li japplika għalih ir-rekwiżit tal-Artikolu 5(1), il-konnessjoni ma' u l-użu tal-enerġija fuq l-art jew l-eżistenza ta' kwalunkwe waħda mill-eċċezzjonijiet elenkati fl-Artikolu 5(3);

(c) l-ammont ta' kull tip ta' fjuwil ikkunsmat fl-irmiġġ u fuq il-baħar;

(d) il-fatturi ta' emissjoni well-to-wake għal kull tip ta' fjuwil ikkunsmat waqt l-irmiġġ u fuq il-baħar, analizzati skont l-emissjonijiet well-to-tank, tank-to-wake u l-emissjonijiet li jaħarbu, fejn jiġu koperti l-gassijiet serra rilevanti kollha;

(e) l-ammont ta' kull tip ta' sors alternattiv tal-enerġija kkunsmat waqt l-irmiġġ u fuq il-baħar.

2. Il-kumpaniji għandhom jirreġistraw l-informazzjoni u d-*data* elenkati fil-paragrafu 1 fuq bażi annwali b'mod trasparenti li jippermetti lill-verifikatur jivverifika l-konformità ma' dan ir-Regolament.

3. Sat-30 ta' Marzu ta' kull sena, il-kumpaniji għandhom jipprovdu lill-verifikatur l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 15*

**Verifika u kalkolu**

1. Wara l-verifika stabbilita fl-Artikoli 10 sa 12, il-verifikatur għandu jivvaluta l-kwalità, il-kompletezza u l-akkuratezza tal-informazzjoni pprovduta mill-kumpanija f'konformità mal-Artikolu 14(3).

2. Abbażi tal-informazzjoni vverifikata skont il-paragrafu 1, il-verifikatur għandu:

(a) jikkalkula, bl-użu tal-metodu speċifikat fl-Anness I, l-intensità medja annwali tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-vapur ikkonċernat;

(b) jikkalkula, bl-użu tal-formula speċifikata fl-Anness V, il-bilanċ ta' konformità tal-vapur;

(c) jikkalkula l-għadd ta' waqfiet mhux konformi f'port fil-perjodu ta' rappurtar preċedenti, inkluż il-ħin imqatta' fl-irmiġġ għal kull waqfa f'port mhux konformi.

(d) jikkalkula l-ammont tal-penali msemmija fl-Artikolu 20(1) u (2).

3. Il-verifikatur għandu jinnotifika lill-kumpanija l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

*Artikolu 16*

**Bażi tad-*data* u rappurtar tal-konformità**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, tiżgura l-funzjonament u taġġorna bażi tad-*data* elettronika ta' konformità għall-monitoraġġ tal-konformità mal-Artikoli 4 u 5. Il-bażi tad-*data* ta' konformità għandha tintuża biex jinżamm reġistru tal-bilanċ ta' konformità tal-vapuri u tal-użu tal-mekkaniżmi ta' flessibbiltà stipulati fl-Artikoli 17 u 18. Din għandha tkun aċċessibbli għall-kumpaniji, għall-verifikaturi, għall-awtoritajiet kompetenti u għall-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tistabbilixxi r-regoli għad-drittijiet ta' aċċess u l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tal-bażi tad-*data*

ta' konformità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(3).

3. Sat-30 ta' April ta' kull sena, il-kumpanija għandha tirreġistra fil-bażi tad-*data* ta' konformità, għal kull vapur tagħha, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(2), kif aċċertata mill-verifikatur, flimkien ma' informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-vapur, tal-kumpanija, kif ukoll l-identità tal-verifikatur li jkun wettaq il-valutazzjoni.

*Artikolu 17*

**L-ibbankjar u t-teħid b'self tas-surplus ta' konformità bejn il-perjodi ta' rappurtar**

1. Fejn il-vapur ikollu surplus ta' konformità għall-perjodu ta' rappurtar, il-kumpanija tista' tibbankjah għall-bilanċ ta' konformità tal-istess vapur għall-perjodu ta' rappurtar sussegwenti. Il-kumpanija għandha tirreġistra l-ibbankjar tas-surplus ta' konformità għall-perjodu ta' rappurtar sussegwenti fil-bażi tad-*data* ta' konformità, soġġett għall-approvazzjoni mill-verifikatur tagħha. Il-kumpanija ma tistax tibqa' tibbankja s-surplus ta' konformità ladarba jkun inħareġ iċ-ċertifikat tal-konformità FuelEU.

2. Meta l-vapur ikollu defiċit ta' konformità għall-perjodu ta' rappurtar, il-kumpanija tista' tissellef antiċipu ta' surplus ta' konformità tal-ammont korrispondenti mill-perjodu ta' rappurtar sussegwenti. L-antiċipu tas-surplus ta' konformità għandu jiżdied mal-bilanċ tal-vapur fil-perjodu ta' rappurtar u jitnaqqas mill-bilanċ tal-istess vapur fil-perjodu ta' rappurtar sussegwenti. L-ammont li għandu jitnaqqas fil-perjodu ta' rappurtar sussegwenti għandu jkun ugwali għall-antiċipu ta' surplus ta' konformità mmultiplikat b'1,1. L-antiċipu tas-surplus ta' konformità ma jistax jittieħed b'self:

   (a) għall-ammont li jaqbeż b'aktar minn 2 % il-limitu stipulat fl-Artikolu 4(2), immultiplikat bil-konsum tal-enerġija tal-vapur ikkalkulat f'konformità mal-Anness I;

   (b) għal żewġ perjodi ta' rappurtar konsekuttivi.

3. Sat-30 ta' April tas-sena ta' wara l-perjodu ta' rappurtar, wara l-approvazzjoni mill-verifikatur tagħha, il-kumpanija għandha tirreġistra l-antiċipu tas-surplus ta' konformità fil-bażi tad-*data* ta' konformità.

*Artikolu 18*

**Akkomunament tal-konformità**

1. Il-bilanċi tal-konformità ta' żewġ vapuri jew aktar, li jiġu vverifikati mill-istess verifikatur, jistgħu jinġabru flimkien għall-finijiet tal-issodisfar tar-rekwiżiti tal-Artikolu 4. Il-bilanċ tal-konformità ta' vapur ma jistax jiġi inkluż f'aktar minn akkomunament wieħed fl-istess perjodu ta' rappurtar.

2. Sat-30 ta' Marzu tas-sena ta' wara l-perjodu ta' rappurtar, il-kumpanija għandha tinnotifika lill-verifikatur l-intenzjoni li tinkludi l-bilanċ ta' konformità tal-vapur f'akkomunament għall-perjodu ta' rappurtar immedjatament preċedenti. F'każ fejn il-vapuri li jipparteċipaw fl-akkomunament ikunu kkontrollati minn żewġ kumpaniji jew aktar, il-kumpaniji għandhom jagħmlu notifika konġunta lill-verifikatur.

3. Sat-30 ta' April tas-sena ta' wara l-perjodu ta' rappurtar, l-akkomunament għandu jiġi rreġistrat fil-bażi tad-*data* ta' konformità mill-verifikatur. Il-kompożizzjoni tal-akkomunament ma għandhiex tinbidel wara dik id-data.

4. Fil-każ ta' konformità miġbura flimkien skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u għall-finijiet tal-Artikolu 15(2)(b), il-kumpanija tista' tiddeċiedi kif talloka l-bilanċ totali ta' konformità tal-akkomunament lil kull vapur individwali, dment li jiġi rrispettat il-bilanċ totali ta' konformità tal-akkomunament. F'każ fejn il-vapuri li jipparteċipaw fl-akkomunament ikunu kkontrollati minn żewġ kumpaniji jew aktar, il-bilanċ ta' konformità totali tal-akkomunament għandu jiġi allokat f'konformità mal-metodu speċifikat fin-notifika konġunta.

5. Jekk il-bilanċ medju ta' konformità tal-akkomunament jirriżulta fis-surplus ta' konformità għal vapur individwali, japplika l-Artikolu 17(1).

6. L-Artikolu 17(2) ma japplikax għal vapur li jipparteċipa fl-akkomunament.

7. Il-kumpanija ma tistax tibqa' tinkludi l-bilanċ ta' konformità tal-vapur f'akkomunament ladarba jkun inħareġ iċ-ċertifikat tal-konformità FuelEU.

*Artikolu 19*

**Ċertifikat tal-konformità FuelEU**

1. Sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara l-perjodu ta' rappurtar, il-verifikatur għandu joħroġ ċertifikat tal-konformità FuelEU għall-vapur ikkonċernat, dment li l-vapur ma jkollux defiċit ta' konformità, wara l-applikazzjoni possibbli tal-Artikoli 17 u 18, u ma jkollux waqfiet mhux konformi f'port.

2. Iċ-ċertifikat tal-konformità FuelEU għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

   (a) l-identità tal-vapur (l-isem, in-numru tal-identifikazzjoni tal-IMO u l-port tar-reġistrazzjoni jew il-port tad-domiċilju);

   (b) l-isem, l-indirizz u l-post ewlieni tan-negozju ta' sid il-vapur;

   (c) l-identità tal-verifikatur;

   (d) id-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, il-perjodu ta' validità tiegħu u l-perjodu ta' rappurtar li jirreferi għalih.

3. Iċ-ċertifikat tal-konformità FuelEU għandu jkun validu għall-perjodu ta' 18-il xahar wara tmiem il-perjodu ta' rappurtar.

4. Il-verifikatur għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istat tal-bandiera, mingħajr dewmien, dwar il-ħruġ ta' kwalunkwe ċertifikat tal-konformità FuelEU.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu mudelli għaċ-ċertifikat tal-konformità FuelEU, inklużi mudelli elettroniċi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 27(2).

*Artikolu 20*

**Penali**

1. Fejn fl-1 ta' Mejju tas-sena ta' wara l-perjodu ta' rappurtar il-vapur ikollu defiċit ta' konformità, il-kumpanija għandha tħallas penali. Il-verifikatur għandu jikkalkula l-ammont tal-penali abbażi tal-formula speċifikata fl-Anness V.

2. Il-kumpanija għandha tħallas penali għal kull waqfa mhux konformi f'port. Il-verifikatur għandu jikkalkula l-ammont tal-penali billi jimmultiplika l-ammont ta' EUR 250 bil-megawatts ta' enerġija installata abbord u bl-għadd ta' sigħat kompluti ta' rmiġġ.

3. Minkejja l-Artikolu 19(1), il-verifikatur għandu joħroġ ċertifikat tal-konformità FuelEU ladarba jkunu tħallsu l-penali msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. L-azzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu, kif ukoll il-prova tal-pagamenti finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 21, għandhom jiġu rreġistrati fiċ-ċertifikat tal-konformità FuelEU.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex temenda l-Anness V biex tadatta l-formula msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u biex temenda l-ammont tal-penali fissa stabbilita fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi fil-kost tal-enerġija.

*Artikolu 21*

**Allokazzjoni ta' penali biex jiġu appoġġati fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur marittimu**

1. Il-penali msemmija fl-Artikolu 20(1) u 20(2) għandhom jiġu allokati biex jappoġġaw proġetti komuni mmirati lejn l-użu rapidu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur marittimu. Il-proġetti ffinanzjati mill-fondi miġbura mill-penali għandhom jistimulaw il-produzzjoni ta' kwantitajiet akbar ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għas-settur marittimu, jiffaċilitaw il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ta' bunkering jew ta' portijiet ta' konnessjoni elettrika xierqa fil-portijiet, u jappoġġaw l-iżvilupp, l-ittestjar u l-użu tal-aktar teknoloġiji innovattivi Ewropej fil-flotta biex jinkiseb tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet.

2. Id-dħul iġġenerat mill-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiġi allokat lill-Fond għall-Innovazzjoni msemmi fl-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE. Dan id-dħul għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju, u għandu jiġi implimentat f'konformità mar-regoli applikabbli għall-Fond għall-Innovazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex tissupplimenta dan ir-Regolament fir-rigward tal-modalitajiet ta' ħlas tal-penali msemmija fl-Artikolu 20(1) u 20(2).

*Artikolu 22*

**Obbligu li jkun hemm ċertifikat tal-konformità FuelEU validu abbord**

1. Il-vapuri li jidħlu f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għandu jkollhom abbord ċertifikat tal-konformità FuelEU validu.

2. Iċ-ċertifikat tal-konformità FuelEU maħruġ għall-vapur ikkonċernat f'konformità mal-Artikolu 19 għandu jikkostitwixxi evidenza ta' konformità ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 23*

**Infurzar**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa [jj/xx/20xx], u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti.

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li kwalunkwe spezzjoni ta' vapur f'port taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu mwettqa f'konformità mad-Direttiva 2009/16/KE tinkludi l-iċċekkjar li abbord ikun hemm ċertifikat tal-konformità FuelEU validu.

3. Fejn vapur ikun naqas milli jippreżenta ċertifikat tal-konformità FuelEU għal żewġ perjodi ta' rappurtar konsekuttivi jew aktar u fejn miżuri ta' infurzar oħra ma jkunux żguraw il-konformità, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-port tal-waqfa tista' toħroġ ordni ta' tkeċċija, wara li tagħti l-opportunità lill-kumpanija kkonċernata biex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tinnotifika l-ordni ta' tkeċċija lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Istat tal-bandiera kkonċernat. Kull Stat Membru, għajr kwalunkwe Stat Membru li l-vapur ikun qed itajjar il-bandiera tiegħu, għandu jirrifjuta d-dħul tal-vapur li jkun soġġett għall-ordni ta' tkeċċija fi kwalunkwe wieħed mill-portijiet tiegħu sakemm il-kumpanija tissodisfa l-obbligi tagħha. Fejn il-vapur itajjar il-bandiera ta' Stat Membru, l-Istat Membru kkonċernat, wara li jagħti l-opportunità lill-kumpanija kkonċernata biex tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha, għandu jordna detenzjoni tal-bandiera sakemm il-kumpanija tissodisfa l-obbligi tagħha.

4. L-issodisfar ta' dawk l-obbligi għandu jiġi kkonfermat bin-notifika ta' ċertifikat tal-konformità FuelEU validu lill-awtorità nazzjonali kompetenti li tkun ħarġet l-ordni ta' tkeċċija. Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-dritt internazzjonali applikabbli f'każ ta' vapuri f'diffikultà.

5. Sanzjonijiet fil-konfront ta' vapur speċifikat minn kwalunkwe Stat Membru għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Istat tal-bandiera kkonċernat.

*Artikolu 24*

**Dritt ta' rieżami**

1. Il-kumpaniji għandhom ikunu intitolati japplikaw għal rieżami tal-kalkoli u l-miżuri indirizzati lilhom mill-verifikatur skont dan ir-Regolament, inkluż ir-rifjut li jinħareġ ċertifikat tal-konformità FuelEU skont l-Artikolu 19(1).

2. Fi żmien xahar min-notifika tar-riżultat tal-kalkolu jew tal-miżura mill-verifikatur, l-applikazzjoni għal rieżami għandha titressaq quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun ġie akkreditat il-verifikatur. Id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti għandha tkun soġġetta għal rimedju ġudizzjarju

3. Id-deċiżjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament mill-korp maniġerjali tal-port għandhom ikunu soġġetti għal rimedju ġudizzjarju.

*Artikolu 25*

**Awtoritajiet kompetenti**

L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw awtorità kompetenti waħda jew aktar biex tkun responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament ("awtoritajiet

kompetenti"). Dawn għandhom jikkomunikaw l-ismijiet u l-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista tal-awtoritajiet kompetenti.

# KAPITOLU VI

## SETGĦAT TA' DELEGA U TA' IMPLIMENTAZZJONI U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 26*

### Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l- Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 4(6), 5(4), 9(3), 13(3), 20(4), u 21(3) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 4(7), 5(4), 9(3), 13(3), 20(4) u 21(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. L-att delegat adottat skont l-Artikoli 4(7), 5(4), 9(3), 13(3), 20(4), u 21(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 27*

### Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS), stabbilit bir-Regolament

(KE) 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29]. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn l-opinjoni tal-Kumitat tkun se tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tiġi tterminata mingħajr riżultat meta, sal-iskadenza għall-ħruġ tal-opinjoni, il-presidenza tal-kumitat tiddeċiedi hekk.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn il-kumitat ma joħroġ l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet paragrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 28*

**Rapport u rieżami**

1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sal-1 ta' Jannar 2030, ir-riżultati ta' evalwazzjoni dwar il-funzjonament ta' dan ir-Regolament u l-evoluzzjoni tat-teknoloġiji u tas-suq għall-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u l-impatt tagħha fuq is-settur marittimu fl-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tqis l-emendi possibbli:

(a) għal-limitu msemmi fl-Artikolu 4(2);

(b) għat-tipi ta' vapur li għalihom japplika l-Artikolu 5(1);

(c) għall-eċċezzjonijiet elenkati fl-Artikolu 5(3).

*Artikolu 29*

**Emendi għad-Direttiva 2009/16/KE**

Il-punt li ġej għandu jiżdied mal-lista stipulata fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/16/KE: "51. Iċ-ċertifikat tal-konformità FuelEU maħruġ skont ir-Regolament (UE) xxxx dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu".

*Artikolu 30*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

---

29 Ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) u li jemenda r-Regolamenti dwar is-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn bastimenti (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## Werrej


1. FRAMEWORK OF THE PROPOSAL/INITIATIVE ........ 4
1.1. Title of the proposal/initiative ........ 4
*1.2.* Policy area(s) concerned ........ 4
1.3. The proposal/initiative relates to: ........ 4
1.4. Objective(s) ........ 4
1.4.1. General objective(s) ........ 4
1.4.2. Specific objective(s) ........ 4
1.4.3. Expected result(s) and impact ........ 4
1.4.4. Indicators of performance ........ 5
1.5. Grounds for the proposal/initiative ........ 5
1.5.1. Requirement(s) to be met in the short or long term including a detailed timeline for roll-out of the implementation of the initiative ........ 5
1.5.2. Added value of Union involvement (it may result from different factors, e.g. coordination gains, legal certainty, greater effectiveness or complementarities). For the purposes of this point 'added value of Union involvement' is the value resulting from Union intervention which is additional to the value that would have been otherwise created by Member States alone. ........ 5
1.5.3. Lessons learned from similar experiences in the past ........ 6
1.5.4. Compatibility with the Multiannual Financial Framework and possible synergies with other appropriate instruments ........ 6
1.5.5. Assessment of the different available financing options, including scope for redeployment ........ 6
1.6. Duration and financial impact of the proposal/initiative ........ 8
1.7. Management mode(s) planned ........ 8
2. MANAGEMENT MEASURES ........ 9
2.1. Monitoring and reporting rules ........ 9
2.2. Management and control system(s) ........ 9
2.2.1. Justification of the management mode(s), the funding implementation mechanism(s), the payment modalities and the control strategy proposed ........ 9
2.2.2. Information concerning the risks identified and the internal control system(s) set up to mitigate them ........ 9
2.2.3. Estimation and justification of the cost-effectiveness of the controls (ratio of "control costs ÷ value of the related funds managed"), and assessment of the expected levels of risk of error (at payment & at closure) ........ 11
2.3. Measures to prevent fraud and irregularities ........ 11
3. ESTIMATED FINANCIAL IMPACT OF THE PROPOSAL/INITIATIVE ........ 12

3.1. Heading(s) of the multiannual financial framework and expenditure budget line(s) affected ... 12
3.2. Estimated financial impact of the proposal on appropriations ... 13
3.2.1. Summary of estimated impact on operational appropriations ... 13
3.2.2. Estimated output funded with operational appropriations ... 16
3.2.3. Summary of estimated impact on administrative appropriations ... 17
3.2.4. Compatibility with the current multiannual financial framework ... 19
3.2.5. Third-party contributions ... 19
3.3. Estimated impact on revenue ... 20

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

# 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

## 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu. |

## 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

| |
|---|
| Mobbiltà u Trasport |

## 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☑ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[30]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

## 1.4. Objettiv(i)

### *1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

| |
|---|
| L-objettiv ġenerali huwa li jiġu stabbiliti regoli biex titnaqqas l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapuri li jaslu f'portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru tal-UE u li jkunu fihom, biex jiġi promoss l-iżvilupp koerenti u l-użu konsistenti ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (RLF) madwar l-Unjoni, mingħajr ma jiġu introdotti ostakli għas-suq intern. |

### *1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

| |
|---|
| 1) tissaħħaħ il-prevedibbiltà permezz tal-istabbiliment ta' ambjent regolatorju ċar dwar l-użu tal-RLF fit-trasport marittimu.<br>2) jiġi stimulat l-iżvilupp tat-teknoloġija.<br>3) tiġi stimulata l-produzzjoni fuq skala akbar ta' RLF b'livell għoli suffiċjenti ta' tħejjija teknoloġika (TRLs) u titnaqqas id-differenza fil-prezzijiet viżavì l-fjuwils u t-teknoloġiji attwali.<br>4) tinħoloq domanda mill-operaturi tal-vapuri għall-bunker RLF jew inkella jikkonnettjaw mal-grilja elettrika waqt li jkunu rmiġġati.<br>5) tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. |

### *1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

| |
|---|
| Dan ir-Regolament mistenni jżid il-penetrazzjoni tal-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-taħlita tal-fjuwils marittimi, filwaqt li jżomm il-kundizzjonijiet ekwi fis-settur marittimu fost l-operaturi tal-vapuri u l-portijiet. |

[30] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Dan ir-Regolament mistenni jwassal għal dekarbonizzazzjoni gradwali tas-settur tat-trasport marittimu fl-UE, filwaqt li jżomm livelli għoljin ta' kompetittività tal-industrija u livelli għoljin ta' konnettività fi ħdanha, lejn u mill-UE.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

L-effettività tar-Regolament propost, fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 1, se tiġi ddeterminata abbażi tal-istabbiliment ta' qafas regolatorju, il-livelli ta' investiment fl-RLF u l-evoluzzjoni tal-penetrazzjoni tal-RLF fit-taħlita tal-fjuwils marittimi.

L-effettività tar-Regolament propost, fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 2, se tiġi ddeterminata abbażi tal-evoluzzjoni tas-sehem ta' fjuwils b'emissjonijiet żero bħall-e-fjuwils, l-idroġenu, l-ammonijaka u l-elettriku fit-taħlita tal-fjuwils marittimi.

L-effettività tar-Regolament propost, fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 3, se tiġi ddeterminata abbażi tal-livelli ta' produzzjoni tal-RLF, id-disponibbiltà tagħhom fil-portijiet, u l-iżvilupp tal-prezzijiet medji u d-differenzi fil-prezzijiet viżavì l-fjuwils fossili konvenzjonali.

L-effettività tar-Regolament propost, fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 4, se tiġi ddeterminata abbażi tal-evoluzzjoni tal-penetrazzjoni tal-RLF fit-taħlita tal-fjuwils marittimi u l-għadd ta' bastimenti u portijiet mgħammra b'kapaċità tal-provvista tal-enerġija fuq l-art u punti ta' distribuzzjoni RLF.

L-effettività tar-Regolament propost, fir-rigward tal-objettiv speċifiku nru 5, se tiġi ddeterminata abbażi tad-distanza medja tal-aħħar vjaġġi ta' bastimenti li jidħlu fil-portijiet tal-UE u l-monitoraġġ taċ-ċertifikazzjoni RLF.

Aktar informazzjoni dwar il-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tista' tinstab fl-Anness 7 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din l-inizjattiva.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-operaturi tal-vapuri se jkunu meħtieġa jnaqqsu l-intensità medja tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-2025 (jiġifieri l-ammont ta' gassijiet serra prodotti minn unità ta' enerġija). Il-miri se jsiru gradwalment aktar stretti kull ħames (5) snin sal-2050.

Għat-tipi ta' vapuri li jniġġsu l-aktar (li, skont id-*data* tal-MRV tal-UE, huma vapuri tal-kontejners u tal-passiġġieri), l-operaturi se jkunu meħtieġa jipplaggjaw fi provvista tal-enerġija fuq l-art (OPS) jew jużaw soluzzjonijiet alternattivi b'emissjonijiet żero meta jkunu rmiġġati mill-1 ta' Jannar 2030.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (ex ante)

Kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi tal-vapuri u għall-kumpaniji tat-tbaħħir huma kritiċi għal suq tal-UE li jiffunzjona tajjeb għat-trasport

marittimu. L-inizjattiva FuelEU Maritime tipproponi qafas regolatorju armonizzat tal-UE biex jiżdied is-sehem ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-taħlita ta' fjuwils tat-trasport marittimu internazzjonali mingħajr ma jinħolqu ostakli għas-suq uniku. L-azzjoni tal-UE se tevita l-iżvilupp ta' taħlita potenzjalment inkompatibbli jew subottimali ta' miżuri nazzjonali b'rekwiżiti u miri differenti.

Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jkun iġġenerat (ex post)

Żieda fil-prevedibbiltà tal-qafas regolatorju mistennija tiffaċilita l-investimenti, tistimula l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-produzzjoni ta' fjuwil u tgħin lis-settur jelimina l-imblokk eżistenti bejn id-domanda u l-provvista tal-fjuwils rinovabbli u b'livell baxx ta' karbonju. Huma meħtieġa obbligi ċari u uniformi mil-lat tad-domanda biex jittaffa r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, li t-trasport marittimu huwa suxxettibbli għalih minħabba n-natura internazzjonali tiegħu u l-possibbiltà li jsir bunkering barra mill-UE u jsiru vjaġġi twal b'milja waħda.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Skont il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, il-promozzjoni ta' fjuwils alternattivi għat-trasport marittimu ġiet koperta b'mod partikolari mid-Direttiva dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi u d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Madankollu, dawn ir-regoli japplikaw biss għall-provvista u d-distribuzzjoni tal-fjuwils u mhux għall-użu tagħhom. Filwaqt li sar xi progress, it-taħlita tal-fjuwil fis-settur marittimu għadha 99 % ta' oriġini fossili. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' fjuwils rinnovabbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju mill-vapuri biex isolvu l-imblokk eżistenti.

L-approċċ magħżul jitgħallem mill-esperjenza tal-passat billi jistabbilixxi regoli ċari u armonizzati fil-livell tal-UE li jiffukaw fuq l-użu tal-fjuwils, sabiex jipprevedi kundizzjonijiet ekwi filwaqt li jżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fis-suq tat-trasport marittimu. Barra minn hekk, l-intervent propost iqis ukoll iż-żmien twil meħtieġ għall-użu ta' fjuwils ġodda fit-trasport marittimu kif diġà ġie osservat fir-rigward tal-inizjattivi msemmija hawn fuq.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Ir-Regolament propost huwa riżultat ewlieni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, li tistabbilixxi kors ta' azzjoni sabiex ittejjeb il-funzjonament tas-suq intern tat-trasport tal-UE, u tistabbilixxi l-objettiv li tingħata spinta lill-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu.

Ir-Regolament propost se joħloq sinerġiji ma' partijiet oħra tal-qafas regolatorju tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva UE ETS, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u r-Regolament dwar Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi.

F'termini ta' riżorsi baġitarji, l-approprjazzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament propost huma previsti taħt l-approprjazzjonijiet disponibbli tal-linja baġitarja "Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tat-trasport, is-sigurtà tat-trasport u d-drittijiet tal-passiġġieri inklużi l-attivitajiet ta' komunikazzjoni".

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

| |
|---|
| Il-maġġoranza l-kbira tal-implikazzjonijiet baġitarji ta' din il-proposta huma indirizzati skont din id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva tal-Proposta għal Regolament dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu. F'termini ta' nfiq, l-impatt baġitarju speċifiku ta' din l-inizjattiva huwa limitat għar-riżorsi meħtieġa għas-servizzi tal-IT u għall-iżviluppi tas-sistema tal-IT biex jappoġġaw il-montoraġġ u r-rappurtar tar-rekwiżiti tar-Regolament.<br><br>Il-proposta tbassar ukoll li l-penali miġbura skont ir-Regolament propost jiġu allokati biex jappoġġaw proġetti komuni mmirati lejn l-użu rapidu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur marittimu. Il-fondi miġbura se jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju, u jkunu implimentati f'konformità mar-regoli tar-Regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Innovazzjoni. Madankollu, l-ammont ta' dħul mistenni jkun jiddependi direttament fuq il-livell ta' konformità mal-miri proposti.<br><br>Fil-valutazzjoni tal-impatt ġew ivvalutati għażliet differenti sabiex jintlaħaq l-objettiv ġenerali li jiġu stabbiliti regoli armonizzati sabiex jinżammu kundizzjonijiet kompetittivi ekwi fis-suq intern tat-trasport marittimu tal-Unjoni, filwaqt li jiżdied l-użu ta' fjuwils rinovabbli b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju mill-2025 sal-2050. L-għażla preferuta hija l-aktar approċċ kosteffiċjenti. |

### 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☑ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2022 sal-2025,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

### 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[31]

☑ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☑ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☑ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☑ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☑ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☑ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Il-ġestjoni tar-Regolament propost se ssir b'mod ġenerali mis-servizzi tal-Kummissjoni megħjuna mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima kif xieraq.

L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jwettqu l-infurzar tar-Regolament billi jistabbilixxu sanzjonijiet kontra l-operaturi ekonomiċi meta jiksru l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament propost.

[31] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-vapuri se jkunu meħtieġa jfasslu pjan ta' monitoraġġ li jiddeskrivi l-pjanijiet tagħhom għall-konformità mar-Regolament. Fuq bażi annwali, mill-2025, l-operaturi tal-vapuri se jkunu meħtieġa jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar għadd ta' parametri relatati mal-użu tagħhom ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Mill-2030 'il quddiem, l-operaturi tal-vapuri tal-passiġġieri u tal-kontejners se jkunu meħtieġa wkoll jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar għadd ta' parametri relatati mal-użu tagħhom tal-provvista tal-enerġija fuq l-art jew ta' teknoloġija alternattiva b'emissjonijiet żero fl-irmiġġ.

Il-Kummissjoni se tibda wkoll evalwazzjoni biex tivverifika jekk intlaħqux l-objettivi tal-inizjattiva, abbażi tad-*data* miġbura, l-evoluzzjoni tal-infrastruttura tad-distribuzzjoni kif ukoll serje ta' stħarriġiet immirati. Dan għandu jipprovdi wkoll indikazzjoni dwar l-impatt tal-inizjattiva fuq il-livelli ta' produzzjoni tal-RLF marittimi kif ukoll l-evoluzzjoni tal-ispejjeż ta' dawn il-fjuwils. L-interazzjonijiet ma' politiki oħra mmirati lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu se jiffurmaw ukoll element importanti ta' tali valutazzjoni biex jiġu żgurati konsistenza u komplementarjetà kontinwi bejn l-inizjattivi. Jekk ikun meħtieġ, l-evalwazzjoni se sservi ta' informazzjoni għall-proċessi futuri tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex tiżgura l-aġġustamenti meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti, filwaqt li tqis ukoll l-iżviluppi ta' inizjattivi ta' politika oħra.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni se tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tar-Regolament propost kif ukoll biex tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-effiċjenza tiegħu u tipproponi reviżjonijiet fejn meħtieġ. Il-Kummissjoni tista' tiġi assistita mill-EMSA kif xieraq biex tipprovdi s-servizzi tal-IT u tiżviluppa l-għodod tal-IT meħtieġa għad-dispożizzjonijiet ta' rappurtar, monitoraġġ u verifika tar-Regolament propost. L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jwettqu l-infurzar, b'mod partikolari billi japplikaw multi amministrattivi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mill-operaturi tal-vapuri. L-attivitajiet ta' infurzar jistgħu jitwettqu bħala parti mill-inspezzjonijiet eżistenti, b'mod partikolari matul il-Kontroll mill-Istat tal-Port.

Id-dħul assenjat estern li ġej mill-penali miġbura se jiġi implimentat f'konformità mar-regoli tal-Fond għall-Innovazzjoni.

#### *2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskji ewlenin ta' politika relatati mal-inizjattiva huma kif ġej:

1) Ir-riskju ta' telf tal-kompetittività tas-suq tat-trasport marittimu jew ta' telf tal-konnettività. Dan ir-riskju jista' jinħoloq jekk l-operaturi jiġu li jġarrbu kostijiet qawwijin akbar minħabba l-introduzzjoni ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, li jimminaw il-kapaċità tagħhom li joperaw u jibqgħu kompetittivi fis-suq globali tat-trasport marittimu. Dan jista' jwassal għal tnaqqis fir-

rotot operati u għal telf ta' konnettività fi ħdan, jew lejn l-UE. Riskju bħal dan għandu probabbiltà baxxa u huwa mmitigat minn bosta fatturi. L-ewwel nett, il-miżuri proposti minn dan ir-Regolament se japplikaw bl-istess mod għall-vapuri tal-bnadar kollha. It-tieni nett, il-miri se jiżdiedu gradwalment, u fil-bidu se jibqgħu baxxi, filwaqt li jiżguraw li ż-żieda ġenerali fil-prezz tal-fjuwil marittimu se tkun minima. Barra minn hekk, l-analiżi preliminari mwettqa bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet dwar il-probabbiltà ġeneralment baxxa ta' telf fil-kompetittività.

2) Riskju ta' nuqqas ta' disponibbiltà ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jew installazzjonijiet OPS. Dan ir-riskju jista' jimmaterjalizza b'mod partikolari jekk il-miri stabbiliti mir-Regolament ikunu jirrikjedu li l-RLF tkun disponibbli fi kwantitajiet li jaqbżu l-provvista attwali tas-suq, għal raġunijiet marbuta ma' nuqqas ta' materja prima, nuqqas ta' kapaċità tal-produzzjoni, jew kompetizzjoni għall-istess fjuwils minn setturi oħra. Dan ir-riskju huwa identifikat sew u mmitigat minn bosta fatturi. B'mod partikolari, il-miri ġew eżaminati mill-qrib fi ħdan il-Kummissjoni fil-kuntest tal-analiżi ekonomika tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030, kif ukoll matul il-konsultazzjonijiet mal-industrija, li pprovdew assigurazzjoni dwar l-adegwatezza tagħhom minħabba l-evoluzzjoni probabbli tas-suq. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti dwar id-domanda stabbiliti minn dan ir-Regolament ġew ikkoordinati mill-qrib mad-dispożizzjonijiet proposti għall-infrastruttura skont ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi u għall-provvista tal-fjuwil skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Dan se jgħin biex jingħelbu l-isfidi ta' koordinazzjoni bejn id-domanda, l-infrastruttura u l-provvista, itejjeb il-prevedibbiltà regolatorja u jiffaċilita l-investimenti meħtieġa. Jekk il-miri proposti ma jibqgħux jintużaw, ir-Regolament propost jinkludi mekkaniżmi ta' rapportar u ta' rieżami li jippermettu l-aġġornament tagħhom f'konformità mal-evoluzzjoni tas-suq.

3) Riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Peress li minnu nnifsu t-trasport marittimu huwa settur internazzjonali, dan huwa suxxettibbli ħafna għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Minħabba l-kapaċitajiet kbar tagħhom mil-lat ta' tankijiet, il-biċċa l-kbira tal-vapuri jistgħu jagħmlu vjaġġi twal b'milja waħda. Kieku r-regoli kellhom japplikaw għall-fjuwils mibjugħa fl-Ewropa mingħajr obbligi għall-użu tagħhom, ikun possibbli għal ħafna bastimenti attivi kemm fil-kummerċ tal-baħar apert kif ukoll f'dak fuq distanzi qosra li jimlew il-fjuwil barra mill-UE. Huwa għalhekk li dan ir-Regolament jobbliga lill-bastimenti jużaw l-RLF u b'hekk jimmiraw id-domanda b'mod speċifiku.

Minn perspettiva ta' kontroll intern, ir-riskji ewlenin huma:

4) Nuqqas ta' *data* affidabbli jew suffiċjenti. Riskju bħal dan jikkomprometti l-ħila li tiġi vvalutata l-effettività tar-Regolament propost u jagħmilha diffiċli li jiġi ddeterminat liema karatteristiċi jenħtieġ li jiġu riveduti sabiex tittejjeb l-effettività tiegħu u meta jkun rilevanti. Il-mitigazzjoni ta' dan ir-riskju tirrikjedi li l-operaturi tal-bastimenti jipprovdu *data* robusta u dettaljata. Biex jiġi żgurat dan, il-verifikaturi akkreditati se jkollhom jivvalutaw il-kwalità tad-*data* sottomessa. Għal dan il-għan, jeħtieġ li l-Kummissjoni tiġi pprovduta b'riżorsi adegwati sabiex tistabbilixxi u topera l-infrastruttura tal-IT meħtieġa, kif ukoll sabiex twettaq bosta attivitajiet regolari ta' bini tal-kapaċitajiet bħal workshops u seminars, tiġbor fornituri tal-fjuwil u operatturi tal-vapuri, sabiex tinformahom u tħarriġhom dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar.

5) Nuqqas ta' proċeduri uniformi ta' verifika. Jekk il-verifikaturi akkreditati kellhom japplikaw kriterji eteroġeni fil-valutazzjoni tagħhom tad-*data* pprovduta mill-operaturi tal-bastimenti, dan jista' jwassal għal nuqqas ta' konsistenza fil-kalkoli tal-intensità medja annwali tal-gassijiet serra ta' bastiment. Dan jista' potenzjalment ifixkel il-kundizzjonijiet ekwi. Sabiex jiġu żgurati proċeduri ta' verifika armonizzati, il-verifikaturi indipendenti jridu jiġu akkreditati minn korp nazzjonali ta' akkreditament skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Barra minn hekk, ir-Regolament jispeċifika l-proċeduri ta' verifika li l-verifikatur irid isegwi. Jekk verifikatur ma jissodisfax l-obbligi tiegħu, l-akkreditazzjoni tiegħu tista' titħassar.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Skont ir-Regolament propost, se jkun meħtieġ finanzjament biex il-Kummissjoni tipprovdi s-servizzi tal-IT u tiżviluppa l-għodod tal-IT meħtieġa għar-rapportar, il-monitoraġġ u d-dispożizzjonijiet ta' verifika tar-Regolament propost. L-għodod se jibnu fuq l-għodda tal-IT eżistenti li tappoġġa r-Regolament MRV tal-UE, THETIS-MRV. Billi tiġi estiża għodda eżistenti minflok tiġi żviluppata waħda ġdida mill-bidu nett, ir-riżorsi se jintużaw b'mod aktar effiċjenti.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Ir-Regolament propost fih bosta dispożizzjonijiet immirati speċifikament lejn il-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet, f'konformità mal-istrateġija kontra l-frodi tad-DĠ MOVE. Jiġifieri, ir-Regolament propost jiżgura li d-*data* sottomessa mill-operaturi ekonomiċi tkun meħtieġa li tiġi vverifikata minn verifikaturi akkreditati indipendenti. Ir-Regolament propost fih regoli ċari u ddettaljati dwar l-infurzar legali sabiex jiġi żgurat li l-obbligi li fih ma jiġux evitati mill-operaturi ekonomiċi. Il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm miżuri xierqa fis-seħħ sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inter alia bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra; permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, frodi jew ksur tal-obbligi, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsin bi żball.

B'mod partikolari, id-DĠ MOVE iżomm Strateġija Kontra l-Frodi u Pjan ta' Azzjoni speċifiċi li jelenkaw il-kontrolli speċifiċi applikati fi ħdan id-DĠ, inklużi azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ. L-istrateġija kontra l-frodi tad-DĠ MOVE hija bbażata fuq l-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi adottata fl-2019 u l-implimentazzjoni tagħha hija kkoordinata mad-DĠ OLAF u n-network intern tal-Kummissjoni kontra l-frodi.

Ir-Regolament propost se jkun fih miżuri speċifiċi oħrajn sabiex jiġu evitati u indirizzati l-frodi u l-irregolaritajiet. B'mod partikolari, ir-Regolament se jkun fih dispożizzjonijiet standard (rakkomandati mill-OLAF) dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, sabiex jiġi żgurat li l-awditi u l-kontrolli fuq il-post ikunu jistgħu jitwettqu mis-servizzi tal-Kummissjoni, inkluż l-OLAF.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff[32]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[33] | mill-pajjiżi kandidati[34] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 1 | 02.200401 | Diff. | LE | LE | LE | LE |

32 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

33 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

34 Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru | 1 – Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali |
|---|---|---|

| DĠ: MOVE | | | Sena **2023** | Sena **2024** | | | | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| 02.200401 | Impenji | (1a) | 0,50 | 0 | | | | | | **0,5** |
| | Pagamenti | (2a) | 0,25 | 0,25 | | | | | | **0,5** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ MOVE** | Impenji | =1a+1b +3 | 0,50 | 0 | | | | | | **0,5** |
| | Pagamenti | =2a+2b +3 | 0,25 | 0,25 | | | | | | **0,5** |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 0,50 | 0 | | | | | | **0,5** |
| | Pagamenti | (5) | 0,25 | 0,25 | | | | | | **0,5** |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet** | Impenji | =4+ 6 | 0,50 | 0 | | | | | | **0,5** |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **skont l-INTESTATURA 1**<br>tal-qafas finanzjarju pluriennali | Pagamenti | =5+ 6 | 0,25 | 0,25 | | | | | | **0,5** |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **7** | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

Jenħtieġ li din it-taqsima timtela billi tintuża d-"data baġitarja ta' natura amministrattiva" li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <…….> | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | M.A. | | | | | | | M.A. |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | M.A. | | | | | | | M.A. |
| **TOTAL TAD-DĠ** <….> | Approprjazzjonijiet | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | M.A. | | | | | | | M.A. |

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N**[35] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7** | Impenji | 0,5 | 0 | | | | | | **0,5** |
| | Pagamenti | 0,25 | 0,25 | | | | | | |

35 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

| tal-qafas finanzjarju pluriennali | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

### *3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Indika l-objettivi u l-outputs ⇩ | | | Sena N | | Sena N+1 | | Sena N+2 | | Sena N+3 | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | TOTAL | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | OUTPUTS | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[36] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 1[37]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

[36] L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).
[37] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…"

### 3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena N [38] | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7[39] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | | |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

38 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

39 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta’ riżorsi umani

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f’unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | | | | |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f’unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)**[40] | | | | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”) | | | | | | | | |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| **XX** 01 xx **yy zz** [41] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT - Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | | |

**XX** huwa l-qasam ta’ politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | |
| Persunal estern | |

[40] AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f’Delegazzjonijiet.

[41] Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☑ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Riprogrammazzjoni fi ħdan il-linja baġitarja 02.200401

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw.

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☑ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N**[42] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[42] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☑ fuq dħul ieħor

  – ☑ jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[43] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu ………… skont il-linja tan-nefqa | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | | | |

Fil-każ ta' dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

| |
|---|
| Il-Fond għall-Innovazzjoni: |

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

| |
|---|
| |

Il-proposta tipprevedi li l-penali miġbura skont ir-Regolament propost jenħtieġ li jintużaw biex jappoġġaw l-użu rapidu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur marittimu. Il-fondi msemmija fil-paragrafu 1 se jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju, u se jiġi implimentat f'konformità mar-regoli tar-Regolament applikabbli għall-Fond għall-Innovazzjoni. Madankollu, l-ammont ta' dħul mistenni jkun jiddependi direttament fuq il-livell ta' konformità mal-miri proposti.

43 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.